NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

*Lulju – Awissu 1997* *Nru. 97*

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# San Ġorġ jibni lilu nnifsu fuq "Il-Ġebla tax-Xewka"


San Ġorġ – l-Ewwel Statwa Titulari t'Għawdex restawrata mill-ġdid fl-1996

Iż-żmien għaddej ġmielu. Is-Sena 2000 għodda waslet. Diġa qegħdin fil-fażi tat-tħejjija proprja li l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II xtaq li lkoll kemm aħna nagħmlu biex niċċelebraw kif jixraq is-Sema Mqaddsa - is-Sena 2000, il-bidu tat-tielet millennju.

Il-Papa ried li din is-sena 1997 ikollha bħala ċ-ċentru tagħha lil **ĠESÙ KRISTU**, il- **"Ġebla li warrbu l-bennejja"** iżda li saret **"il-Ġebla tax-Xewka"**. Huwa jrid li lkoll kemm aħna nissaħħu fil-Fidi u nifhmu iżjed u ngħixu dejjem aħjar il-Magħmudija tagħna.

U min jista' jgħinna sabiex nersqu iżjed lejn Kristu u ninbidlu f'ġebel ħaj biex inkomplu ngħinu fil-bini tal-Knisja ta' Kristu?

Żgur li l-Patrun ta' Beltna u tal-Għawdxin kollha, San Ġorġ Megalomartri, huwa mezz mill-iktar effikaċi biex nilħqu dan l-iskop qaddis.

**San Ġorġ**, wild familja nobbli ta' Anici, mgħallem sewwa mill-ġenituri tiegħu dwar Kristu, l-Iben ta' Alla, li sar bniedem u miet għalina, biex jifdina u jsalvana, ħabrek u stinka biex jibni lilu nnifsu fuq il- **"BLATA SAMMA"**. Fassal ħajtu fuq Kristu; ħaddan u għamel tiegħu t-tagħlim ta' Kristu; ħabb dak kollu li ħabb Kristu; mexa fuq il-passi ta' Kristu. Suldat qalbieni li

*ikompli f'paġna 2*

IL-BELT

VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

**CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ**

Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.

Tel / Fax : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

12.06.97: GEORGE, iben George Camilleri u Monique nee' Mizzi.

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

15.06.97: MASSIMILIANO SULTANA + JOYCE CUTAJAR

21.06.97: RAYMOND GRIMA + VICTORIA AZZOPARDI

## MAR JINGĦAQAD MA` KRISTU RXUXTAT

12.06.97: sar il-Funeral ta' LOUIS MARIO GALEA

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

xejn la tħeddid u lanqas il-martirju ma jaqtgħalu qalbu. Ta ħajtu għal Kristu.

F'kelma waħda: **ĠORĠI huwa mera ħajja ta' KRISTU.**

U proprju dan huwa l-iskop tal-Festa li aħna nagħmlu ad unur ta' dan il-Kbir Qaddis Megalomartri. Kull ħaġa li nagħmlu matul il-jiem tal-Festa: l-ingredjenti kollha li bihom hija mħawwra kemm il-Festa ta' ġewwa kif ukoll dik ta' barra, għandhom bħala skopijiet tagħhom:

*li nuru imħabbitna lejn il-Patrun tagħna San Ġorġ*

* *li nroddulu ħajr ta' tant benefiċċji li jxerred fuqna u l-familji tagħna*

* *li nesprimu esternament il-ferħ li jaħkem il-qlubna matulek ja sena*

* *li nitheġġu dejjem iżjed biex nimitawh fil-ħajja tagħna*

* *li nikbru fl-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu tagħna.*

Jekk jirnexxielna nilħqu dawn il-miri, allura anke aħna, bħal San Ġorġ, inkunu nibnu lilna nfusna fuq Kristu, il- ***"Ġebla li warrbu l-bennejja"***, iżda li saret il- ***"Ġebla tax-Xewka"***.

Għalhekk, ejja nagħmlu Festa! Ejjew nieħdu sehem fl-attivitajiet kollha li jsiru kemm fil-Bażilika kif ukoll mat-toroq ta' Beltna! Ejjew nagħtu s-sehem tagħna f'dak kollu li jkun meħtieġ għall-Festa! Ejjew nifirħu flimkien bla ma nweġġgħu lil ħadd!

Minn qalbi nixtieq nawguralkom il-Festa t-Tajba!

***Mons. Salv Borg***

*Arċipriet*

## *Editorjal. . .*

# SAN ĠORĠ 1997

Erġajna wasalna fil-ġranet tal-festa popolari ta' San Ġorġ, il-Patrun ta' Beltna u ta' Gżiritna. Festa kbira li timliena bil-ferħ u l-entużjażmu u li s-sollennita' li bija tiġi ċċelebrata tiġbed lejha eluf ta' Maltin u Għawdxin.

Il-festa ma tiġix biss biex aħna nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni tagħha. Il-festa tiġi biex aħna ta' kull sena jkollna ċans iktar nirriflettu fuq il-kobor tal-qdusija tal-qaddis protettur tagħna biex fuq l-eżempju tiegħu nissaħħu fil-fidi li aħna nistqarru ta' kull nhar ta' Ħadd fis-sagrifiċċju tal-quddiesa li nemmnu. Il-festa għandha fuq kollox tnissel fina kuraġġ bħalma wera San Ġorġ li nieqfu quddiem il-ħażen ta' żminijietna. Li bħal San Ġorġ ma nċedux quddiem it-tentazzjonijiet kbar li nsibu quddiemna fil-ħajja ta' illum.

Tajjeb li nieħdu sehem fil-mrċi u fiċ-ċelebrazzjonijiet tradizzjonali li jagħmlu mill-festi tagħna atttrazzjoni turistika. Iżda qatt ma għandna ninsew l-iskop ewlieni tal-festa tagħna. Fid-dinja mgħaġġla ta' illum faċli ninsew l-iskop li għalih inkunu qed niċċelebraw u neljenaw ruħna. Bħala nsara għandna dmir li nkunu ċerti li minn kull festa li nagħmlu nieħdu xi ħaġa ta' siwi għall-ġid ta' ruħna, biex kontinwament insaħħu t-twemmin tagħna, ħalli nsiru iktar b'saħħitna biex bla biża, bħal San Ġorġ, fil-mument tal-prova, inkunu lesti li nigħdu 'le' u nkunu lesti li bħalu nċerrcru demmna.

J'Alla l-festa tagħna, bħal dejjem, tkun festa sabieħa u li tgħinna nifhmu iktar dawn il-ħsibijiet. J'Alla wkoll ma jkunx hemm minna li nisservew bil-festa biex noħolqu firdiet bla bżonn. Qiegħdin fuq l-għatba ta' seklu ġdid u hemm bżonn nimmaturaw. Il-festa tiġi biex tferraħ lil kulħadd. Il-festa tiġi biex tgħinna nikbru spiritwalment. Il-festa tiġi biex dejjem nifhmu aħjar il-qdusija tal-patrun tagħna. Kull ħaġa oħra fil-festa hi ta' min jistmerra.

**Dan hu l-awgurju tagħna lilkom u lill-qarrejja kollha għall-festa ta' San Ġorġ 1997.**

# L-ABBATINI TAL-PARROĊĊA TAGĦNA

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija, li ċ-Ċentru tagħha huwa Kristu, jeħtieġ tiġi ċelebrata bl-aħjar mod possibbli. dan ifisser li ghandu jkun hemm preparazzjoni tajba f'kull parti taċ-ċelebrazzjoni. Żgur li parti importanti hija l-għajnuna li ghandha tingħata lis-saċerdot u din tingħata propjament mill-abbatini.

Bħalissa f'din il-parroċċa tagħna għandna disa' abbatini. Minbarra li jagħtu s-servizz tagħhom regolari waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, issir għalihom ukoll laqgħa ta' formazzjoni darba f'ġimgħa. barra minn hekk, qed isiru ukoll laqghat ta' preparazjoni għall-abbtaini ġodda.

Importanti li nkunu konxji li l-abbatini sabiex jagħtu s-servizz tagħhom jagħmlu ċerti sagrifiċċji, għax meta jkollhom is-servizz fil-knisja, iħallu kollox u jiġu għas-servizz, u ġieli li jiġu aktar minn darba fl-istess ġurnata. Barra minn hekk l-abbatini tagħna jieħdu sehem ukoll f'attivitajiet djoċesani bħalma kien il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li sar fil-Qala uli għalih attendew l-abbatini kollha ta' Għawdex. Għalhekk tajjeb li napprezzaw ix-xogħol li jwettqu dawn l-abbatini.

Tajjeb ukoll li nsemmu l-attivitajiet ta' l-abbatini. Wara li kellhom ġimgħa sħiħa ta' servizz fil-Ġimgħa Mqaddsa, l-abbatini tal-Parroċca tagħna flimkien ma' dawk tal-Parroċċa tan-Nadur morna tlett ijiem flimkien vaganza f'Savio College, Ħad-Dingli. Barra li dawn it-tlett ijiem servew ta' mistrieħ, servew ukoll biex jidraw jgħixu f'komunita' u jaqsmu ma' ħaddieħor. Kien ukoll ta' ġid biex l-abbatini tagħna u tan-Nadur jagħmlu kuraġġ b'xulxin. dawn it-tlett ijiem servew ukoll biex jagħmlu ħbieb ġodda.

Wara l-Festa tal-Kwaranturi Mqaddsa tal-Parroċċa tagħna, fejn l-abbatini kellhom ukoll ħafna servizzi morna ħadna pizza flimkien. Żgur li okkażjonijiet bħal dawn jgħinu lill-abbatini sabiex jifhmu aktar l-importanza tas-servizz tagħhom lejn il-Knisja.



*L-abbatini tagħna flimkien ma' dawk tan-Nadur f'Ħad-Dingli.*

## *Stqarrija maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria*

Mal-ħafna protesti li ġa għamlu diversi Kunsilli Għawdxin dwar it-territorju rispettiv tagħhom, issa ngħaqad ukoll il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Infatti f'Memorandum maħdum b'reqqa u msejjes b'dokumenti storiċi, fisser b'mod l-iktar ċar, raġunijiet tiegħu, għala ma jaqbilx mal-konfini li ġie assenjat mill-Kummissarju Elettorali Ewlieni.

Il-Kunsill tar-Rabat, Għawdex, iħoss li, żoni li baqgħu tradizzjonalment u storikament jiffurmaw parti mill-belt, sahansitra wara li kienu ġew assenjati l-limiti ta' kull parroċċa fil-gżira, ma kellhom qatt jittieħdu u jingħataw lil Kunsilli oħra.

Fost assurditajiet strambi li l-Kunsill tar-Rabat iddiżapprova b'mod unanimu, tispikka l-kwistjoni ta' l-istess Ċimiterju, li minkejja li sar esklusivament biex fih jindifnu c-Ċittadini u twaqqaf fiż-żona tal-Barmil, li sa minn dejjem għamlet parti integrali mit-territorju parrokkjali tar-Rabat, illum safa b'mod l-aktar illoġiku fit-territorju tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija. Dan iċ-Ċimiterju baqa' jintuża b'mod regolari minn nies tar-Rabat, għal aktar minn mitt sena. Infatti kien ġie mbierek u inawgurat nhar is-6 ta' Frar 1895.

Il-Kunsill attwali tar-Rabat, baqa' jsosti d-diżapprovazzjoni oriġinali li kien għamel l-Kunsill Lokali ta' qablu, u unanimament iddeċieda li jibqa' jissielet bil-mezzi kollha għalbiex il-posizzjoni inġusta li sab ruħu fiha, titranġa fl-iqsar żmien possibli.

## *Nifirħulhom...*

**IL-W. REV. MONS. EMANUELE MERCIECA,** Proto-Notario Apostoliku u Arċipriet Emeritus tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ Martri, f'dawn il-ġranet qed ifakkar is-60 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Mons. Mercieca ħadem u għandu jaħdem bis-sħiħ b'risq il-Parroċċa tant għall-qalbu: il-Parroċċa ta' San Ġorġ. Nieħdu din l-okkażjoni sabiex nifirħulu, nitolbu għalih u nixtiequlu ***Ad Multos Annos!***

Nifirħu wkoll lil **DUN ANTON GRECH**, li nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 1997 ġie ordnat Saċerdot mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Għal dawn is-snin li għaddew Dun Anton kien ta' kull ġimgħa jieħu ħsieb, flimkien Ma' Dun Effie Masini, il-Gruppi tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa tagħna. Nifirħulu u filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna, nixtiequlu ***Ad Multos Annos!***

# LEJN IS-SENA 2003

# SAN GORG MARTRI.... KULLIMKIEN.... F'KULL ZMIEN

(**Dun Ġużepp Gauci** *jagħtina tagħrif dwar San Ġorġ, li hu kiseb fil-ħidma b'riżq il-kollezzjoni tiegħu:* **SAN ĠORĠ FL-ARTI U FIL-KULTURA)**

~ ~ ~

**DAĦLA:**

*Il-Kardinal Pietro Palazzini, Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni għall-kawżi tal-Qaddisin, fid-Daħla għall-edizzjoni l-ġdida ta' l-1983 ta' l-istudju ta' Mons. Dante Balboni dwar San Ġorġ, kiteb: "Il-kobor u l-kontinwita' tal-kult mogħti lil San Ġorġ, kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent, hi realta' dejjem attwali".*

*Hemm ħafna u ħafna affarijiet li jixhdu għal din il-verita'. Nittama li hemm f'dan l-artiklu jkun ftit mill-ħafna affarijiet li hemm il-ħsieb li nkompli noffri lill-qarrejja ta' din ir-Rivista bi tħejjija għas-Sena 2003 li fiha d-dinja kollha tiċċelebra b'ferħ is-17-il ċentinarju mill-martirju glorjuż ta' San Ġorġ.*

**❑ "San Giorgio Cavaliere"**

Dan hu l-isem ta' rappreżentazzjoni teatrali sagra ta' madwar tmenin minuta dwar il-Ħajja, il-Mirakli u l-Martirju ta' San Ġorġ, miktuba u ppreżentata matul dawn l-aħħar sentejn, minn Lucio Vinciarelli, awtur u attur minn Gubbio tal-Peruġja, fl-Italja.

F'din ir-rappresentazzjoni, imqassma fi Prologu, 10 ġrajjiet u Epilogu, l-attur jinterpreta għaxar persunaġġi li kienu jafu lil San Ġorġ, x'uħud kienu jħobbuh u oħrajn jobogħduh. Hemm il-Qaddej li jħabbar twelidu, il-Missier li jirrakkontalu storja, il-Ħaddied li jaħdimlu l-armatura ta' suldat Ruman, id-Dragun li miegħu San Ġorġ iġġieled u l-Priċipessa li tinħeles mill-mewt, l-Imperatur Deoklezjanu li jordna l-martirju tiegħu u s-Saħħar Atanasju li jipprova javvelenah, il-bidwi Gliċerju li jrodd ħajr lil San Ġorġ għax fejjaqlu l-gendus li bih kien jaħdem ir-raba, u fl-aħħarnett, il-qaddej fidil Pasikrate li jħabbar il-mewt ta' San Ġorġ.

Lucio Vinciarelli, f'ittra li kitibli fit-12 ta' Marzu 1997, qalli li kien fi ħsiebu jikteb lill-460 Parroċċa ddedikata lil San Ġorġ fl-Italja u lil 260 "Comune" li jqimu lil San Ġorġ, biex fihom ikun jista' jippreżenta dan id-dramm "San Giorgio Cavaliere". Ta' min igħid li fl-10 ta' Jannar 1997, Lucio Vinciarelli ppreżenta d-dramm tiegħu fil-Bażilika "*San Giorgio al Velabro*", f'Ruma.

Kull fejn saret il-presentazzjoni "**San Giorgio Cavaliere**", il-ġurnali u r-rivisti Taljani tawha importanza kbira. Se nikkwota biss dak li qalet ir-rivista "Famiglia Cristiana" tal-25 ta' Settembru 1996: "Għax persunaġġi li ltaqgħu miegħu (ma' San Ġorġ) jirrakkuntaw il-ġlieda mad-dragun, xbieha tal-ġlieda dejjiema bejn it-tajjeb u l-ħażin. Minn hawn twieled il-"proġett tejatrali" ta' Vinciarelli; il-persunaġġi kollha huma nterpretati mill-attur ta' Gubbio, belt fejn San Ġorġ ilu meqjum għal bosta sekli.



*Inċiżjoni ma' l-inkunabolu tal-1585 tal-"British Museum"*

**❑ Il-Kollezzjoni ta' Konopiste**

Meta minn Praga, fir-Republika Ċeka, tasal qrib il-kastell ta' Konopiste, ftit jiġik f'moħħok li se tiltaqa' ma' waħda mill-ikbar, jekk mhux l-ikbar, kollezzjonijiet ta' opri ta' l-arti li jippreżentaw ix-xbieha ta' San Ġorġ. Infatti, f'sala tawwalija f'dan il-Kastell, insibu parti minn għaxra tal-kollezzjoni ta' l-Arċiduka Franz Ferdinand d'Este ta' l-Awstrija, li kienet tiġbor fiha madwar 1200 oġġett t'arti dwar San Ġorġ, miġburin bejn is-seklu 19 u 20.

Jidher li Franz Ferdinand, b'din il-kollezzjoni, ried jikkompeti mar-Re Dwardu VII ta' l-Ingilterra li wkoll kellu kollezzjoni kbira ta' xbihat differenti ta' San Ġorġ, Patrun ta' l-Ingilterra. Minn naħa l-oħra, il-varjeta' kbira ta' xbihat ta' San Ġorġ li wieħed jista' jara fil-Kastell ta' Konopiste, tixhed għall-fatt li San Ġorġ kien popolari ma' kull xorta ta' artisti f'kull pajjiż u matul is-Sekli kollha ta' wara mewtu.

Min iżur din il-kollezzjoni ta' Konopiste jintlaqat minn statwi fl-iljan ta' San Ġorġ ta' artisti Ġermaniżi tas-Sekli 15 u 16, partikularment dawk mill-inħawi tad-Danubju. Għadd ta' Ikoni Russi u Balkani jinsabu qrib xogħlijiet barokki tal-Ġermanja tas-Seklu 18. hemm xbihat ta' San Ġorġ imnaqqxin fil-ħaġar prezzjuż, fl-injam u fil-ħġieġ.

Issib ukoll disinni u mudelli ta' skulturi u pitturi, flimkien ma' għadd ta' muniti u medalji. Żewġ ġinokkjaturi Taljani tas-Seklu 17, kalċi tal-fidda tas-Seklu 16 u relikwarju tal-fidda tal-1670, kollha bix-xbieha ta' San Ġorġ fuqhom, huma fost l-aktar oġġetti rari u li jixirqilhom attenzjoni fil-Kollezzjoni ta' Konopiste.

Di il-kollezzjoni, unika tax-xorta tagħha fl-Ewropa u forsi wkoll fid-dinja, hi xhieda ċara tal-għożża u tal-popolarita' li bihom kienet u għadha mdawwra l-figura kavallereska ta' San Ġorġ Martri.

### ❑ Inkunaboli dwar San Ġorġ

L-ewwelnett ta' min igħid li l-kelma "inkunaboli" hi wżata għall-kotba antiki stampati fi żmenijiet bikrin, jew aħjar, edizzjonijiet ta' pubbklikazzjonijiet mitbugħa fuq il-500 sena ilu (ara: "Il-Kiklem Malti" ta' Erin Serracini-Inglott). Irnexxieli niltaqa' ma inkunaboli dwar San Ġorġ, u fil-Kollezzjoni tiegħi "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura", għandi fotokopji u/jew 'microfilms' ta' x'uħud minnhom.

Mill-"Biblioteca Trivulziana" ta' Milan għandi kopji ta' erbgħa minn dawn l-inkunaboli dwar San Ġorġ. Huma kollha poeżija b'dijalett Taljan, u huma ta' tul differenti. L-ewwel inkunabolu hu tas-sena 1575 u jġib it-titlu: **"La storia Oratione e Morte di Sa` Giorgio Cavalier di Christo".** Fih 32 strofa ta' 8 versi l-waħda u fit-tmiem hemm din in-nota **"stampata in Fiorenza l'Anno MDLXXV".**

Inkunabulo ieħor tas-Seklu 16 iġib it-titlu **"La lystoria di Sancto Giorgio quando amazo el Drago con altre gentileze Nuomente agiunte".** Dan l-inkunabulo fih 32 strofa ta' 8 versi l-waħda, biż-żjieda ta' 19-il strofa ta' 6 versi l-waħda dwar Santa Katerina, flimkien ma' Talba lill-Madonna ta' "Reto" u Talba lil Ġesu` Msallab.

It-tielet inkunabulo, b'tipi differenti, hu wkoll tas-Seklu 16 u jġib it-titlu: **"La Storia, Orazione & Morte di San Giorgio, Caualier di Ġesu` Christo".** Dan l-inkunabulo fih ukoll 32 strofa ta' 8 versi l-waħda. Iżda r-raba' inkunabulo hu l-itwal wieħed. Ġir ppubblikat fis-Seklu 16 u jġib it-titlu **"La rapresentazione di San Giorgio".** Dan l-inkunabulo fih ftit aktar minn 1300 vers imqassmin fi strofi ta' daqsijiet differenti. Fit-tmiem tiegħu naqraw: ***"Finitas la festa di 'acto Giorgio martyris'".***

Mill- "British Museum" ta' Londra għandi kopji ta' tliet inkunaboli oħra b'poeżiji dwar San Ġorġ. Wieħed, tal-1584 hu bit-titlu, **"La Historia, orazione, & morte di San Giorgio Cavalier di Christo";** ieħor tal-1585, hu bit-titlu. **"La Rapresentazione di Santo Giorgio. Nuouamente Ristampata";** it-tielet, tas-Seklu 16, fih it-titlu, **"Istoria de Sancto Georgio".** Ta' min igħid li fil-bidu ta' kull wieħed minn dawn l-inkunaboli kollha, hemm xi inċiżjoni bix-xbiha ta' San Ġorġ.

Fl-aħħarnett, nixtieq insemmi wkoll li għandi kopja tal-manuskritt ta' "poemetto Veneto" tat-tieni nofs tas-Seklu 15, bit-titlu "Di Santo Giorgio Martire e Cavaliere", bi 68 strofa li jvarjaw minn 6, 7 għal 8 versi. Bid-differenza mill-inkunabuli, dan il-**"Poemetto Veneto"** tat-tieni nofs tas-Seklu 15, bit-titlu **"Di Santo Giorgio Martire e Cavaliere",** bi 68 strofa li jvarjaw minn 6, 7 għal 8 versi. Bid-differenza mill-inkunaboli, dan il-**"Poemetto Veneto"** hu manuskritt li jinsab fil- ***"Biblioteque Nationale"*** ta' Pariġi, ikklassifikat bħala Ms. ital. 1069. Hu interessanti ħafna l-għeluq ta' dan il- **"Poemetto".** fejn l-awtur jistieden lill-qarrej biex jara fil-ġlieda ta' San Ġorġ mad-dragun, tiġdid tal-Passjoni Mqaddsa tal-Mulej.

### ❑ Jum San Ġorġ fil-Katalunja

San Ġorġ huwa l-Patrun ewlieni tar-Reġjun tal-Katalunja, fi Spanja. F'dan ir-Reġjun, hemm diversi knejjes edikati lil San Ġorġ, u, fil-jum tiegħu, tat-23 ta' April, isiru ħafna ċelebrazzjonijiet 'l hawn u 'l hinn biex ifakkru lill-Qaddis Patrun.

Fil-Palazz tal-Ġeneralitat tal-Katalunja li hemm f'Barcellona, fit-23 t'April issir Quddiesa mill-Arċisqof tal-Belt fil-Kappella Gotika ta' San Ġorġ li hemm fl-istess Palazz. Wara, l-Arċisqof ibierek il-fiera tal-ward aħmar li ssir fil-bitħa tal-Palazz. Mill-1981 'il hawn, il-Gvern tal-katalunja, f'Jum San Ġorġ, qed joffri dekorazzjoni bis-Salib ta' San Ġorġ lil dawk il-persuni li jkunu taw is-sehem tagħhom għat-tisħiħ tal-lingwa u tal-kultura katalana. F'dan l-istess jum, fil-Palazz ta' quddiem il-Ġeneralitat ta' Barċellona, li hi ddominata mill-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel fil-faċċata tal-Palazz, ħafna djar editorjali jippreżentaw l-pubblikazzjonijiet ġodda tagħhom għal dik is-sena.

Fil-Belt ta' Alcoi. f'Jum San Ġorġ, titfakkar ir-rebħa ta' l-insara fuq il-Mori li saret fit-23 t'April 1276. Isiru diversi rappreżentazzjonijiet biex ifakkru din il-ġrajja. Il-festi jieħu tlett ijiem u matulhom isiru marċi minn diversi baned u fit-tmiem issir il-Purċissjoni bir-Relikwija u l-Istatwa ta' San Ġorġ. Xena nteressanti tkun it-tmiem tal-Purċissjoni meta n-nies ta' Alcoi, konxji mill-ħarsien ta' San Ġorġ, iġeddu r-rieda tagħhom li jżommuh b'Patrun tagħhom.

Belt oħra li tiċċelebra Jum San Ġorġ bil-kbir, hi Montblanc. Matul il-ġimgħa tal-festa jinżamm "festival" b'għadd ta' manifestazzjonijiet tejatrali u reliġjużi b'relazzjoni mal-"Leġġenda" ta' San Ġorġ.

Bliet u irħula oħra tal-Katalunja li jiċċelebraw Jum San Ġorġ b'mod xieraq huma: Perpinya, Puigseslloses, Sant Jordi d'Alta Riba, Llavinera, Camarasa, Tarrega, Vic, Odena Sant Climent Sescebes, **u** oħrajn.

### GĦELUQ

Ma rrid inżid xejn aktar ma' dan it-tagħrif dwar San Ġorġ, il-Patrun tagħna. Iżda bħala għeluq nixtieq noffrilkom din it-Talba sabiħa lil San Ġorġ Martri, li P. Mario Barzizza S.C.J. qiegħed fit-tmiem tal-ktejjeb tiegħu **"San Giorgio":**

"O Alla, li f'San Ġorġ għaqqadt il-kuraġġ li rebaħ fuq il-qawwa tal-ħażen mal-qawwa tal-martirju, agħmel li bl-interċessjoni tiegħu, inkunu kuraġġjużi fil-provi u perseveranti fix-xhieda għall-fidi tagħna biex naslu għall-premju mwiegħed lil min jibqa' fidil sa l-aħħar

Bi Kristu Sidna. Amen."

***Riferenzi:***

Dvorak Jan: "The State cast'e: Konopiste: "The Knight and the Dragon":Prague, 1980.

Amministrazione Provinciale di Ferrara: "San Giorgio tra Ferrara e Praga":Gabriele Corbo Editore, Ferrara, 1991

Generalitat de Catalunya: "El Patro Sant Jordi: Historia, Llegenda, Art":Barcellona, 1996

Dante Balboni: "San Giorgio": Centro Studi su` San Giorgio, Roma, 1983

P. Mario Barzizza S.C.J.: "San Giorgio": I tre Soli, Roma, 1993

Lucio Vinciarelli: "San Giorgio Cavaliere" Tip. Donati, Gubbio, 1996.

# Rokna ghat-Tfal



Gheżież tfal,

Illum, qabel xejn, irrid minn qalbi nifraħ lil dawk it-tfal li kellhom suċċess fl-eżamijiet annwali. Jiena rrid nifraħ ukoll lill-oħrajn li għaddew għall-Junior Lyceum jew għas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu'. Prosit lil kulħadd. Lil dawk li marru ħażin jew li ma m'għaddewx, ngħidilhom: *"better luck next time!"* Issa mhux għax għaddejtu, tagħmlu s-sajf titgħażżnu, tafux! Strieħu kemm tridu, għax ħaqqkom ftit tal-mistrieħ. Imma l-kotba twarrbuhomx għal kollox. Qisu li tkunu mhejjijin tajjeb għal sena oħra ta' studju u xogħol.

VIVA SAN ĠORĠ!! hekk ser nagħtu minn hawn u ftit tal-granet oħra. Il-festa tiġi biex niddevertu u ngawduha, veru, iżda mhux biss. Mill-festa, irridu nieħdu wkoll xi ġid għalina nfusna. San Ġorġ ta kull ma kellu lill-foqra, lil dawk li kellhom bżonn l-għajnuna tiegħu. Tajjeb, għalhekk, li nimitaw lill-Patrun tagħna u f'dawn il-granet tal-festa nagħtu minn dak li jkollna lil min hu inqas ixxurtjat minna. matul il-festa ssir kampanja ta' ġbir għal dawn in-nies u aħna rridu nkunu minn ta' l-ewwel u lesti biex nagħtu s-sehem tagħna. Mhux nitolbu mingħand il-ġenituri tagħna, imma nbexxqu ftit il-karus u nieħdu minnu dak li nistgħu biex nagħtuh għall-karita'.

San Ġorġ ħares il-fidi u ċarċar demmu għaliha. Miet martri u llum qiegħed igawdi lill-Mulej fis-Sema. U hawnhekk għandna biċċa xogħol iebsa oħra. għal darba'oħra rridu nimitaw lil san Ġorġ, billi bħalu nħarsu u niddefendu l-fidi li darba ġabilna l-Appostlu Missierna San Pawl. Fi żmenijietna, hawn ħafna xi jtellifna l-fidi tagħna. L-għedewwa ta' ruħna huma bosta. għaldaqstant, irridu noqgħodu attenti minn kull ma jista' jkun ta' theddid għall-fidi tagħna. B'mod speċjali, oqgħodu b'seba' għajnejn ma' liema tfal tagħmluha. jistgħu jkunu tfal ħżiena u intom ma tindunawx. Jistgħu jkun ħbieb taparsi għax bi kliemhom u b'għemilhom jgħallmuna ħafna affarijiet ħżiena u intom, għax twajbin, bla ma tridu, tibilgħuhom. Bosta jistgħu jkunu għalikom ta' eżempju ħażin. mela, ħsiebkom hemm; araw xi tfal tagħmluha magħhom. U intom, min-naħa tagħkom, kunu ta' eżempju tajjeb għal kulħadd, kullimkien u dejjem.

Għal-lum dan kollox, tfal. Sa ma nerġgħu niltaqgħu, il-festa t-tajba lilkom ilkoll. Iddevertu, ħudu gost u la toffendu lil ħadd, la bi kliemkom u anqas bl-imġieba tagħkom.

Tata'

*Iz-Ziju Peppi*

# MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ 10

**- mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap -**

# IGNATIO CORTIS

Twieled fil-Belt Valletta fl-1826. Kien alliev tal-Minardi f'Ruma. Pinġa f'Santa Maria in Trastevere ġewwa Ruma, flimkien ma' Francassini Mariani u Grandi. Wara r-restawri li għamel fis-Soffitt tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, Malta, il-fama tiegħu tnaqqset ħafna.

F'Konkors Pellegrini ta' l-Akkademja ta' San Luqa, Ignatio Cortis kien kiseb premju[1].

### ❑ Xogħolijiet ta' Ignatio Cortis:

Għal barra minn Malta kien pitter f'Tuma l-Evanġelista San Luqa. Għall-Franza, kien pitter l-Madonna bil-Qaddisin: San Quirino, fil-Bażilika ta' Santa Maria. F'Malta kien pitter: il-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija f'tas-Sliema.Pitter ukoll l-Agonija ta' Ġesù, kwadru li jinsab fil-Parroċċa tal-Mosta. Pitter ukoll kwadru ta' Sant Andrija għall-Parroċċa tas-Siġġiewi, kif ukoll kwadru talMadonna fil-Parroċċa tal-Mellieħa.

Huwa rrestawra ukoll l-Abside ta' San Ġwann. Pinġa ukoll kwadru kbir taz-żejt tal-Gran Mastru La Vallette, liebes ta' Gwerrier fiċ-Ċirkolu Mużikali La Vallette.

F'Għawdex pitter il-Kwadru ta' San Pawl, li jinsab fil-Parroċċa ta' Kerċem. Qabel is-sena 191, fil-Knisja Katedrali kien hemm il-Kor kollu bl-Abside ta' Ignatio Cortis. Issa fadal biss l-Erba' Eroini fil-lunetti ta' taħt il-Koppla. dawn huma tassew sbieħ. [2]

Fil-Knisja Arċipretali, Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ, insibu l-Kwadru tal-Madonna ta' Lourdes li jġib id-data ta' 1887 u l-firma ta' Ignatio Cortis. Dan il-kwadru barra li hu artistiku, huwa maħdum fin ħafna. [3]

Fil-Knisja Viċendarja ta' San Pawl Nawfragu f'Marsalforn insibu kwadru sabiħ u devot tad-Duluri. Dan il-Pittur għandu kwadri oħra sbieħ imxerrda ma' Malta u Għawdex.

**Riferenzi:**

1. Roberto Mifsud Bonnici: Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Nazzjonali, p. 141
2. P.P. Castagna: Malta Bil-Gżejjer Tagħha u li Għadda minn għaliha: it-3 parti,Appendiċi p. 121
3. Kan. Dun Nikol Vella Apap, Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol.III, p.81.



**Kif qed tgħaddi ż-żmien ta' l-egħrusija? Qed tipprepara għaż-żwieġ jew biss għat-tieġ?**

# IMPERATURI U ĊESARI TA' ŻMIEN SAN ĠORĠ U GĦAWDEX

*Kitba ta' JOHN BEZZINA*

## DIJOKLEZZJANU

Aurelius Valerius Diocletianus Augustus, twieled fid-Dalmazja, aktarx f'Salona għall-ħabta tas-sena 243 W.K. Huwa iddistingwa ruħu għal dik li hija ħila u tmexxija sa minn meta kien għadu żgħażugħ jiġġieled fi Franza, tant li fi ftit snin insibuh maħtur bħala l-Kap mexxej tal-Għassa Imperjali. Fis-17 ta' Settembru tas-sena 284, fl-eta' ta' 40 sena ġie akklamat imperatur mil-Leġjuni. Huwa kien miżżewweġ lil Prisca u kellu tifla jisimha Valerja. It-tnejn kellhom tendenzi Kristjani, tant li f'Nikomedija kienu jattndu l-laqgħat ta' l-insara fil-knisja li kien hemm wieqfa għall-warrani iżda fuq ir-riħ tal-Palazz Imperjali. Sena qabel ma Dijoklezzjonu kien akklamat Imperatur, fis-sena 283, twieled San Ġorġ fil-belt ta' Lydda (Diospolis) iben uffiċjal għoli u għani fil-leġjun ta' Ġeronzjo u Policronia.

## MASSIMJANO

F'qasir żmien Dijoklezzjanu fehem li imperu daqstant vast ma kienx ħobż għal snienu biss, għalhekk fis-sena 285 ħatar lil Massimjanu, (ġeneral tajjeb u fidil) bħala 'Cesare' u fl-istess sena bagħtu Franza biex irażżan ir-ribelli ta' hemm hekk, filwaqt li huwa mar jattakka lill-Ġermaniżi qrib id-Danubju. F'inqas minn sena Massimjanu rażżan ir-ribelli Bagaudi tant li fl-ewwel xhur tas-sena 286 kien lura fin-Nikomedija.

Massimjanu (Marcus Aurelius Valerius Maximianus) twieled f'Sirmio fil-Pannonja (iben ġenituri ħaddiema ta' l-art) bejn 240-250. Kien bejn wieħed u ieħor l-istess eta' ta' Dijoklezzjanu. It-tnejn flimkien, fi żmien l-Imperatur Aureliano u Probo kienu ħadu sehem fil-ġlied bejn 270-282. Massimjanu kien iżżewweġ lil Eutropia mis-Sirja li minn żwieġ ieħor qabel kella tifla jisimha Teodora. Miż-żwieġ bejn Massimjanu u Eutropia twieldu Massenzio u Fausta. Massenzio ( Marcus Aurelius Valerius Maxentius) twieled għall-ħabta tas-sena 278 u meta tfarfar iżżewweġ lil bint Galerio u Valeria bint Dijoklezzjanu, filwaqt li Fausta, bintu, fir-Rebbiegħa tas-sena 307 iżżewġet lill-Imperatur Costantino.

Fl-1 ta' April 286, f'Nikomedija, Massimjanu ġie maħtur Augusto u ġew fdati f'idejh il-Brittanja, Franza, Spanja, l-Italja u l-Afrika, inklużi Malta u Għawdex. Il-bqija ta' l-imperu żammu taħt idejh Dijoklezzjanu. F'din l-okkażjoni Dijoklezzjanu assuma għalih innifsu t-titlu ta' Giovio, filwaqt li lil sieħbu tah dak ta' Erkuleo, jiġifieri l-ewwel l-akbar fost l-allat u tat-tieni l-akbar fost l-eroj. Massimjanu għażel bħala residenza tiegħu Trvoiri fi Franza, għalkemm kien iqatta' ħafna żmien ukoll f'Milan u Aquileia. Salbidu tas-sena 293 l-imperaturi baqgħu tnejn iżda fl-1 ta' Marzu 293, iż-żewġt imperaturi ħassew li kellhom bżonn l-għajnuna, għalhekk kull wieħed ħatar 'Cesare' għalih. Massimjanu ħatar lil Costanza Cloro u Dijoklezzjanu ħatar lil Galerio.

## QABEL MA NĦATRU C-CESARI

Costanzo (Flavius Valerius Constantius) li mill-Biżantini ġie mlaqqam Cloro mħabba l-kulur tal-ġilda, fis-sena 289 insibuh diġa 'Perfectus Praetorium' fis-sessjoni ta' l-imperu assenjata lil Massimjanu, minn Dijoklezzjanu, wara -rebħa fuq il-Franki. Fl-istess sena 289, Costanzo abbanduna lil martu Elena Traverniera li kif jingħad kienet ta' misel ingliż u li minnha kellu tifel, il-futur Kostantino il-Kbir (Flavius Valerius Constantinus Magnus). Constantinus twieled f'Naissa (Nis) fid-Dacia fis-27 ta' Frar ta' sena bejn 271 u 275, għalkemm hemm min iżomm li twieled fis-sena 280, iżda l-istoriċi fil-maġġoranza tagħhom iżommu li meta miet fis-sena 337 kellu bejn 62 u 66 sena. Filwaqt li Constantino baqa' ma ommu, missieru Costanzo iżżewweġ lil Flavia Massiminjana Teodora, bint Eutropia (qabel ma din iżżewġet lil Massimjanu). Minn dan it-tieni żwieġ Costanzo kellu sitt ulied, tlieta subien - Dalmazio, Annibaliano u Giulio Costanza u tlett ibniet - Flavia Costanza ( li żżewġet lil Costantino, ħuwa tar-rispett fir-Rebbiegħa tas-sena 307), Anastasia u Eutropia. Flavia kienet magħrufa wkoll bl-isem ta' Fausta.

## IL-PERSEKUZZJONI TA' MASSIMJANU

Fis-sena 290, jiġifieri tlett snin qabel ma Costanzo u Galerio nħatru 'Cesari', bdiet l-ewwel fażi tal-persekuzzjoni l-kbira, persekuzzjoni mħeġġa minn Massimjanu Erkuleo, naturalment bi qbil ma Dijoklezzjanu għalkemm kontra qalbu. Din l-ewwel fażi ma kenitx kontra l-insara in ġenerali, iżda l-għan tagħha kien li jissaffew il-leġjuni minn elementi Kristjani, kemm leġjunarji kif ukoll uffiċjali. Dawn kienu mġiegħla jieħdu l-ġurament ta' fedelta' li ġie formulat b'tali mod li l-Kristjani jkunu mġiegħla joffru sagrifiċċju lill-allat tar-reliġjon ta' l-istat, ġurament li l-insara fl-armata ma setgħux jieħdu. Din it-tisfija saret fil-leġjuni ta' Massimjanu, fi Franza, l-Italja, Spanja u l-Afrika, speċjalment fost il-leġjun Tebana u dik tal-leġjun II Parthica stazjonata f'Ruma fejn ingħata l-martirju lit-Tribun San Bastjan. F'liema leġjun kien ingaġġat missier San Ġorġ, Ġeronzjo, ma sibniex, iżda billi l-istoriċi kollha jżommu li San Ġorġ safa litim minn missieru meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel, aktarx li Ġeronzjo ingħata l-martirju fis-sena 290, fl-ewel fażi tal-persekuzzjoni meta San Ġorġ kellu biss seba' snin.

Kif ġa semmejna, il-għejjer tagħna kienu taħt il-ħakma ta' Massimjanu mis-sena 286 sa m eta abdika fl-1 ta' Mejju 305. Mhux biss m'għandna l-ebda ħjiel li xi Kristjani sofrew il-martirju matul din l-ewwel fażi u matul it-tieni fażi tal-persekuzzjoni f'Għawdex u lanqas ma nstabet l-ebda skizzjoni li tfakkar l-imperatur Massimjanu (1.4.286 - 1.5.305).

## MAĦTURA "CESARI"

Fl-1 ta' Marzu 293, Massimjanu, kif għidna, ħatar lil Costanzo Cloro bħala 'Cesari' u fdalu f'idejh it-treġija ta' Franza u żamm il-bqija tas-sezzjoni tiegħu ta' l-imperu f'idejh. Darba li Costanzo ġie maħtur 'Cesare', Dijoklezzjonu ried li ibnu Costantinu u ommu Elena, jitħallew f'Nikomedija bħala pleġġ u sabiex f'għajnejn in-nies, Costantino, ma jidhirx bħala ostaġġ ħatru "Tribunus Ordinis Primi". Dan għamlu sabiex Costanzo ma jmurx ixammar imnieħru u jwettaq xi kolp ta' stat fi Franza, bħalma kien għamel Carausio. Filwaqt li Galerio ried li Costantino jkun taħt għajnejn Dijoklezzjanu, sabiex Massimjanu, Costanzo Cloro u Ibnu Costantino ma jqumux kontrih u kontra Dijoklezzjnu.Costantino qatta' żgħożitu fil-qorti ta' Nikomedija. Fis-sen 295 Costantino mar ma Dijoklezzjanu fil-Palestina. Huwa wera ħila kbira fl-arti tal-gwerra kontra s-Sarmati fid-Danubju.

Costantino dam fin-Nikomedija sas-sena 304, u għalhekk żgur li hemm sar jaf lil Ġorġ Anici, li fis-sena 303 meta kien Tribun f'Nikomedija wkoll ingħata l-martirju. Żgur li bejn San Ġorġ u Costantino kien hemm ċerta ħbiberija għaliex meta Costantino laħaq imperatur mar fuq il-qabar ta' Ġorġi f'Lidda u bnielu knisja, flok dik li kien bena Indrija, iż-ziju ta' San Ġorġ u li kienet sfat imġarrfa minn Dijoklezzjanu stess. Meta Costantino fis-sena 293 ibżamm f'Nikomedija kellu madwar erba' u għoxrin sena, filwaqt li San Ġorġ kellu biss għaxar snin, u meta ħa l-martirju kellu biss għoxrin sena. Hawn ta' min isemmi li fir-Rabat Għawdex instabet skizzjonik li tfakkar lil Costanzo Cloro, tnejn li jfakkru lil Galerio u waħda li tfakkar lil Costantinu l-Kbir, iżda t-tlieta huma taż-żmien meta laħqu imperaturi u mhux meta kienu "Cesari".

## GALERIO

Galerjo (Caio Galerius Valerius Maximianus), twieled f'waħda mill-provinċji ta' l-Illirja. Ommu, li ma nafux x'kien jisimha, kienet kontra l-Kristjani, allavolja fid-dar tagħha kellha wkoll impjegati kristjani, bħalma kellu Massimjanu, Dijoklezzjanu, binha Galerio u rridu nemmnu li kellu wkoll Costanzo Cloro, ibnu Costantino u ommu Elena.

Galerio wera ħila kbira matul il-gwerer tat-tieni nofs tas-seklu tlieta. Hu kien miżżewweġ lil Valeria, bint Dijoklezzjanu u martu Prisca, li t-tnejn kienu mxaqilba sew lejn il-kristjaneżmu. Galerio, fl-istess jum li Massimiano ħatar lil Costanzo Cloro "Cesare", ġie maħtur "Cesare" minn Dijoklezzjanu, li fdalu f'idejh il-provinċji tad-Danubju u tal-peninsula Balkanika. Bħala residenza uffiċjali kellu palazz f'Sirmio, għalkemm kellu wkoll palazz ieħor f'Nikomedija. L-imperatur Massimjanu b'qilla kbira niżel minn Spanja u attakka l-Mawritanja u fis-sena 298 huwa telaq minn Katagni lejn Ruma fejn kellu jiltaqa' ma Dijoklezzjanu sabiex jiċċelebraw it-trijonfi tagħhom. Matul il-persekuzzjoni Massimjanu, skond Sant Wistin, kien aħrax ħafna mal-Kristjani ta' l-Afrika, u l-istess għamel fl-Italja speċjalment f'Ruma bħalma nisiltu mill-Passio S. Sabini.

Galerio, imxewwex minn ommu, kien jemmen li l-gwerer jew l-irvellijiet kienu istigati minn uficcjali u suldati kristjani fil-leġjuni. Huwa kien jaqbel ma Massimjanu u għalhekk beda jimla lil Dejoklezzjanu kontra l-insara, speċjalment fix-xitwa tas-sena 302-303, meta huwa personalment kien jinsab f'Nikomedija bħalma kien jinsab ukoll Massimjanu, b'riżultat li fit-23 ta' Frar kellha bidu t-tieni fażi tal-għaxar u l-ikbar persekuzzjoni tal-perijodu Ruman.Iżda dwar il-persekuzzjoni nnifisha nitkellmu fi studju ieħor.

Qabel nagħlqu rridu ngħidu li għalkemm Galerio , la bħala 'Cesare' u lanqas bħala Imperatur ma kellux setgħat fuq il-gżejjer tagħna, b'dan kollu fir-Rabat GĦawdex instabu żewġ skrizzjonijiet li jsemmuh, għalkemm it-tnejn huma tal-perijodu ta' meta' huwa laħaq imperatur. X'jiegħel lill-Għawdxin li jagħmlu żewġ skrizzjonijiet f'ġieħ dan l-Imperatur meta l-gżira ma kenitx tiddependi minnu? Dwar dan, kif għidtilkom, fi studju ieħor. ■

# Prezentazzjoni ta' l-Ewwel CD mill-Banda Cittadina La Stella

Is-Soċ. Filar. La Stella din is-sena qed tfakkar għeluq il-50 sena minn meta, ewlenija fost il-baned Għawdxin, ħalliet xtut artna biex tmur tesegwixxi Programm Mużikali f'Catania, Sqallija. Grupp sabiħ ta'partitarji u ammiraturi tas-Soċjetà kienu ssieħbu mal-Banda f'din l-okkażjoni u assistew għal dan il-Programm li sar fil-preżenza ta' awtoritajiet distinti Taljani ġewwa Villa Bellini, nhar it-13 ta' Settembru 1947.

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin isiru biex ifakkru din l-mawra memorabbli, is-Soċjetà għadha kemm ħarġet CD bl-isem ***"Ċinkwantenarju"*** li fih hemm miġbur is-sett ġdid ta' marċi brijużi li l-Banda Ċittadina La Stella se ddoqq fil-Festa ta' San Ġorġ Martri, Patrun t'Għawdex, dan ix-xahar.

Il-President tas-Soċjetà, Dr Joseph Ellis, ħabbar uffiċċjalment il-ħruġ ta' din is-CD waqt ċerimonja speċjali li saret nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju fis-Sala Prinċipali tal-Każin, u li matulha ppreżenta kopja tas-CD lis-Segretarju Parlamentari għal Għawdex, l-Onor. Dr. Anton Refalo, lis-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul Galea, lis-Surmast Direttur tal-Banda, Prof. Mro. Joseph Vella u lil Mons Arċipriet Salv Borg. Dr Ellis qal li s-Soċjetà tħossha kburija li hija l-ewwel banda Għawdxija li qed tirreġistra isimha fuq CD. Huwa rringrazzja lil kull minn ta s-sehem diżinteressat tiegħu sabiex il-Banda mexxielha toħroġ din is-CD.

F'kelmtejn li għamel is-Segretarju Parlamentari għal Għawdex, Dr Anton Refalo, feraħ lis-Soċjetà għal din l-inizjattiva ġdida li, bla dubju, se tkompli tgħolli l-prestiġju li tgawdi fix-xena mużikali ta' pajjiżna. Huwa qal li inizzjattivi bħal dawn jagħmlu unur mhux biss lis-Socjetà nnifisha, iżda saħansitra lil Għawdex.

Dr. Refalo irrefera wkoll għall-Opra *Macbeth* li saret dan l-aħħar fit-Teatru Astra u qal li kien verament baqa' impressjonat bil-livell għoli li ntlaħaq b'din il-produzzjoni. Anki f'dan il-każ, l-opra *Macbeth* minbarra li kisbet suċcess enormi lis-Soċ. La Stella, swiet mhux ftit biex tqanqal aktar interess u sadattant tiftaħ orizzonti ġodda fil-qasam operistiku ta' gżiritna.

Dwar *Macbeth* irrimarka wkoll is-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul Galea, li enfasizza kemm kienet verament deċiżjoni għaqlija min-naħa tal-Kunsill tiegħu li joffri kontribut finanzjarju għall-produzzjonijiet operistiċi li jsiru. Kif jista' jara kulħadd, dawn qed jippromovu l-livell kulturali tal-belt kapitali Għawdxija f'għajnejn l-eluf ta' Maltin u barranin li jassistu għalihom.

Fost dawk preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm l-membri u l-bandisti kollha tas-Soċjetà.





# SEBA' BANED GHALL-FESTA

Sitt baned lokali u banda Ngliża ser jieħdu sehem fil-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Martri, li ser tiġi ċelebrata b'solennità kbira fil-belt Victoria bejn l-14u l-20 ta'Lulju.

Dawn huma l-Banda Ċittadina La Stella, il-Filar. King's Own tal-belt Valletta, il-Banda Sliema, il-Banda Dekana L'Isle Adam tar-Rabat, il-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, il-Banda Anici ta' Ħal Qormi u l-Banda Ngliża Thoresby Colliery (Joy Manufacturing) Banda minn Nottingham.

Ta' importanza partikolari se tkun għal darb' oħra l-partecipazzjoni tal-Banda La Stella li bħas-snin l-imgħoddija se jkollha l-akbar sehem ta' servizzi matul il-ġimgħa tal-festa. Dan peress li s-Soċ. Filar. La Stella hija uffiċjalment responsabbli mill-Festi Esterni ta' San Ġorġ Marti b'kuntratt li kien sar bejnha u l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi fl-1882. Dan kien l-ewwel ftehim tax-xorta tiegħu li kien sar fid-Djoċesi Għawdxija.

Il-Festa ta' San Ġorġ f'Għawdex hija tradizzjonalment meqjusa bħala waħda mill-aktar manifestazzjonijiet popolari f'dawn il-gżejjer. Eluf ta' dilettanti tal-festa minn kull rokna ta' Malta u Għawdex u magħhom numru kbir ta' emigranti, ta' kull sena ma jonqsux li jattendu għal din il-festa,karatterizzata primarjament mill-funzjnijiet solenni li jsiru f'ġieħ il-Qaddis Martri ta' Lydda fil-Bażilika Arċi-Matriċi..

Il-qofol tal-Festa ta' San Ġorġ Martri jintlaħaq il-Ħadd, 20 ta' Lulju.

A+M PRINTING LTD. - 553217

# Ir-Restawr ta' San Ġorġ

## Proġett ta' Sinifikat Artistiku, Kulturali u Reliġjuż

■ *minn* **Rev. Dr Joseph Farrugia**

Id-disa' xhur li għaddew, speċjalment Ottubru-Novembru 1996 u Mejju 1997 jibqgħu imniżżla b'ittri tad-deheb fl-annali kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ. F'dawn ix-xhur sar xogħol ta' restawr mill-aktar importanti u delikat fuq l-istatwa titulari u devota ta' San Ġorġ Martri, kapolavur fl-injam ta' l-Imgħallem Pietro Paolo Azzopardi u ispirazzjoni ta' l-istatwi titulari l-oħra kollha ta' Għawdex. Sar ukoll xogħol ta' restawr mhux inqas meħtieġ u ta' reqqa fuq żewġ statwi oħra li jinsabu fil-Bażilika tagħna: is-Santissimu Kurċifiss ta' l-istess Azzopardi, u San Mikiel Arkanġlu ta' Alessandro Farrugia, it-tnejn li huma wkoll imnaqqxa fl-injam u t-tnejn li huma ġawhriet ta' arti skultorja.

Jekk il-miġja ta' dawn l-istatwi fostna fl-ewwel nofs tas-seklu l-ieħor kienet tabilħaqq sinifikattiva għax arrikkiet il-personalita' kulturali ta' Għawdex b'mod oriġinali u - almenu sallum - insuperat, ir-restawr f'waqtu u meqjus li għamilna fuqhom għandu tifsira mhux inqas sinifikattiva. Dan nistgħu nistqarruh jekk inħarsu lejn dan ir-restawr mill-prospettiva artistika, reliġjuża u kulturali rispettivament. L-ewwelnett mill-prospettiva artistika.



*Waqt ix-xogħol ta' restawr fuq San Ġorġ*

### Sinifikat Artistiku

Dawn l-opri ta' l-arti, bħal kull opra ta' l-arti oħra, sfaw vittma ta' deterjorament bijoloġiku konsegwenza taż-żmien, tal-klima tat-taħrik li sofru fl-okkażjonijiet reliġjużi marbuta magħhom. Batew ukoll minħabba interventi (li llum forsi jitqiesu) insensittivi li n-nies ta' qabilna, b'kull intenzjoni tajba, għamlu bix-xewqa li dawn l-istatwi jibqgħu ħajjin u forsi anki jsiru isbaħ minn kif sabuhom.

Iż-żmien ma waqafx mar-restawri li saru fl-imgħoddi u l-ħsara li kienet issewwiet reġgħet dehret mill-ġdid jew dehret bnadi oħra. Dawn l-aħħar snin aħna nnotajna li kien wasal iż-żmien li nintervjenu mill-ġdid biex, bil-mezzi soffistikati ta' żmienna u skond policies ippruvati barra minn Malta fuq opri artistiċi li jixbħu lil tagħna, nikkontrollaw il-ħsara kkawżata miż-żmien, mill-ispostament li jsir ta' l-istatwi fil-puċissjonijiet u mit-tentattivi ta' restawr u abbelliment li saru snin ilu. Għarafna li l-istatwi ta' San Ġorġ, tal-Kurċifiss u ta' San Mikiel (kif ukoll ta' Ġesù u Marija li s'issa għad ma kellniex l-opportunita' u l-finanzi li nieġdu ħsiebha) jeħtieġu b'mod urġenti interventi ta' pulitura, konsolidament u integrazzjoni tal-kulur.

Dwar l-intervent ta' konsolidament jew tisħiħ ma nqalgħet ebda problema ta' x'għandna nagħmlu. Dak li kien meħtieġ, kellu jsir. Lanqas dwar l-integrazzjoni, jew traqqiegħ, tal-kulur ma kellna ebda kwistjoni.

Il-problema qamet dwar il-pulitura jew tindif u r-riversament (jiġifieri t-treġġigħ lura) ta' l-aspett



Mons. Isqof Nikol G. Cauchi isegwi x-xoghol ta' restawr fuq San Ġorġ

kromatiku (il-kuluri) attwali biex insibu l-ilwien oriġinali. Dan it-tindif jew riversament seta' jfisser li l-istatwi jitilfu d-dehra li konna nafuhom biha. X'jgħidu n-nies? X'parir jagħtuna l-esperti? X'nagħmlu? Kull statwa kienet każ għaliha. Għax minbarra l-aspett artistiku hawnhekk ġejna affrontanti bl-eżiġenzi tal-kult popolari marbut ma' l-istatwa in kwistjoni. Tkellimna u ddeċidejna. L-eżiġenzi tal-kult tajnihom il-piż li kien jixirqilhom u fl-istess waqt irnexxielna fl-oġġettiv tagħna li nirrestawraw l-istatwi skond is-sengħa delikata tar-restawr artistiku jiġifieri b'interventi minimalisti, identifikabbli u riversibbli.

Fl-interventi konna minimalisti: l-intenzjoni tagħna ma kinitx li nagħtu xi kontribuzzjoni oriġinali tagħna biex l-istatwi jsiru "isbaħ" milli għamluhom l-awturi, u lanqas kienet li nissostitwixxu xi azzjoni ta' l-istatwarji b'dik tagħna. Għalhekk messejna biss fejn kien assolutament meħtieġ li jintmess biex l-istatwi jkunu salvagwardati u jerġgħu għall-istat oriġinali tagħhom jew għall-istat li fih kienu f'xi stadju sinifikattiv ta' l-istorja tagħhom.

L-interventi kromatiċI kollha kellhom ikunu wkoll identifikabbli hekk li min jersaq qrib l-istatwa jkun jaf fejn intmesset fl-1997; għalhekk l-integrazzjoni tal-kulur saret bit-rigatini, kif titlob ir-regola tar-restawr.

Dawn l-interventi, għalhekk, huma riversibbli, jiġifieri jekk 'il quddiem is-sengħa tar-restawr tiżviluppa u ssir aktar soffistikata, in-nies ta' warajna jkunu jistgħu jħassru dak li għamilna aħna biex jagħmlu aħjar minna. Imma ma jkunux jistgħu jikkundannawna li aħna mxejna bid-dilettantiżmu u bil-medjokrita'.

Aħna nafu, u ta' warajna għandhom ikunu jafu wkoll, li mxejna b'għaqal, bi prudenza, b'għarfien sħiħ u informat ta' dak li konna qed nagħmlu u bl-umilta' quddiem l-opri artistiċi u sagri li missejna.

Issa nistgħu ngawdu is-sbuħija tagħhom kif ħarġu minn idejn l-imgħallmin li għamluhom u ngħadduhom lil ta' warajna fi stat aħjar milli fih sibnihom.

## Sinifikat Reliġjuż

Mill-prospettiva reliġjuża, kif ġa għidna, kull statwa kienet każ għaliha u kull statwa affrontatna bl-eżiġenzi tal-kult rispettiv tagħha.

Tajjeb li wieħed jinnota hawnhekk li aħna qatt ma nsejna li r-raġuni li għaliha saru l-istatwi ta' San Ġorġ, tal-Kurċifiss u ta' San Mikiel kienet dik tal-kult - biex ikunu ta' għajnuna għall-għixien tal-ħajja Nisranija. Għalhekk ir-raġuni intrinseka tagħhom bħala opri ta' l-arti kienet suġġetta għal dik estrinseka bħala opri tal-kult Nisrani. Fir-restawr, għalhekk, aħna dejjem tajna prijorita' lill-eżiġenzi tal-kult u tar-reliġjożita' popolari. Tajjeb li ngħidu wkoll li fil-każijiet tagħna l-eżiġenzi ta' l-arti u tal-kult ma kinux konfliġġenti.

## Il-Kurċifiss

Fil-każ tal-Kurċifiss il-problema tar-riversament tal-aspett kromatiku ma nqalgħetx ladarba l-Kurċifiss wasal sa żmienna bil-pinzellati ta' Azzopardi nnifsu u għalhekk, biex insibu l-ilwien ta' l-awtur, kulma kellna nagħmlu kien li nneħħu n-nugrufun u l-velaturi tal-varniċ li l-Kurċifiss minn żmien għal żmien kien jingħata biex jiġi rinfreskat.

Imma lanqas din tat-tindif ma kienet deċiżjoni faċli għax il-ġmied li kien idallam il-karnaġjon tal-Kurċifiss kien sinjal ta' storja u ta' devozzjoni mifruxa u profonda. Barra minn hekk l-oskurita' tal-karnaġjon kienet saret figurattiva u tevoka l-kobor misterjuż tat-tbatija redentiva u fl-istess waqt tnissel sentimenti ta' faraġ kenni fid-devoti li kienu jersqu quddiem l-Imsallab Divin. Il-lewn sewdieni tal-ġilda tal-Kurċifiss kienet saret aspett integrali tiegħu.

X'jiġri jekk bit-tindif il-karnaġjoni jiċċara tant li jintilfu kemm is-sinjali ta' l-istorja u tal-kult antik kif ukoll il-misterjożita' li s'issa l-istatwa kienet tevoka? Konna lesti nirriskjawh dan? X'naqbdu nagħmlu?



Ix-xoghol ta' restawr fuq il-Kurċifiss

Ir-restawraturi barranin li kienu qed jaħdmu fuq il-Kurċifiss fehmu d-dilemma li konna fiha u għarrfuna li din kienet problema li qamet bosta drabi kull meta r-restawr kien jikkonċerna xi opra artistika li magħha kienet marbuta ċerta devozzjoni popolari.

Huma tawna l-parir li nnaddfuh. Għamilna għadd ta' provi fuq diversi partijiet tal-istatwa tal-Kurċifiss. Ħadna l-pariri ta' min jifhem fl-arti u kellu wkoll sensibilita' reliġjuża, tkellimna bejnietna, issawwar consensus u d-deċiżjoni li nnaddfuh ħadniha u llum sodisfatti li kienet waħda tajba.

Bix-xogħol ta' tindif li sar fuq il-Kurċifiss f'Novembru li għaddha, u ta' riversament kromatiku li sar fuq San Mikiel f'Mejju, dawn l-istatwi reġġgħajnihom għall-ilwien li riedu l-awturi rispettivi tagħhom u issa nistgħu narawhom kif ħarġu minn idejhom. Isbaħ minn kif konna nafuhom!

## San Mikiel

Fil-każ ta' l-istatwa ta' San Mikiel, kif ġa semmejt, ix-xogħol kien jeżiġi mhux sempliċement pulitura imma tqaxxir ta' l-ilwien riċenti li ma kinux saru minn Xandru Farrugia. Dan kien jitlob minna deċiżjoni aktar kuraġġuża minħabba li kellha implikazzjonijiet aktar radikali. Din l-istatwa kienet ġiet miżbugħa kważi kollha kemm hi fl-ewwel deċenni tas-seklu li wasal biex jispiċċa. Il-parir ta' l-esperti barranin kien li lil San Mikiel nneżżgħuh kemm mill-karnaġjon medjokri li kien sar fuq dak oriġinali kif ukoll mill-bizzilletta barokka li kellu fuq il-mantell - bizzilletta li kienet ħelwa imma mhux konsistenti max-xeħta neo-klassika ta' l-istatwa.

X'nagħmlu? Ikkonsidrajna l-fatt li ma' San Mikiel m'għadx hemm marbut kult popolari partikolarment profond. Għalhekk, kif ukoll fid-dawl ta' l-esperjenza posittiva li kellna fir-rigward tal-Kurċifiss, id-deċiżjoni dehret inqas diffiċli. Tkellimna ma' diversi lajċi u smajna fehmiethom. Staqsejna lil min hu ta' l-affari tiegħu. Iltaqa' l-Presbyterium fejn smajna l-fehmiet tal-Prof. Don Ugo Dovere u ksibna mingħandu t-tagħrif li ħassejna li kien meħtieġ u, minn platform ta' informazzjoni, qtajniha li nħallu x-xogħol għaddej skond il-pariri ta' min kien fl-aħjar kondizzjoni li jagħtihom.

Konna nafu x'qed nagħmlu u konna nafu x'ħa jsir. Lill-esperti ħallejnihom jaħdmu u issa nistgħu ngawdu s-sbuħija ta' San Mikiel kif ħareġ minn idejn Xandru



Mons Isqof Cauchi qed jisma' b'attenzjoni fuq x'qed isir waqt ir-restawr tal-Kurċifiss.



San Mikiel waqt ix-xogħol ta' restawr. Jidher ir-restawratur Naplitan A. Talpa.

Farrugia: ħieles mill-ilwien kważi-karnivaleski li kellu fl-elmu u fil-ġwienaħ, splendenti bl-ilbies imdieheb u fiddien karatteristiku ta' l-ikonografija anġelika tas-sette-ottocento, dinamiku bil-karnaġġon ruxxan ta' gwerrier fit-taqbida sekolari tat-tajjeb kontra l-ħażen u kontrastanti ma' l-ilwien dellija u fondi ta' Luċifru li, bid-diżobbedjenza tiegħu kien sar il-kontradizzjoni nfisha ta' ismu ("Luċifru" jfisser "wieħed li jġorr id-dawl"), u waqt li xewqtu tisporġieh lejn is-sema, riġel l-Anġlu Qaddis trażżnu u trossu 'l isfel lejn l-għamara li kien għażel - id-dagħbien tan-nirien infernali.

## San Ġorġ

Fir-rigward ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ kellna nadottaw kriterji xi ftit differenti. Il-każ ta' l-istatwa ta' San Ġorġ kien differenti minn dawk ta' San Mikiel u tal-Kurċifiss.

L-istatwa ta' San Ġorġ, imnaqqxa minn Pietru Pawl Azzopardi minn zokk ta' siġra Maltija qabel l-1838, kienet ġiet miżbugħa mill-ġdid madwar mitt sena ilu minn Giuseppe Cali' u reġgħet intmesset madwar ħamsin sena ilu minn Briffa. L-interventi ta' dawn iż-żewġ artisti kienu jirrigwardjaw biss l-aspett kromatiku ta' l-istatwa. L-intervent ta' Briffa kien minimu u għadhom jiftakruh diversi nies. Imma dak ta' Cali' jidher li kien estensiv.

Issa fil-każ ta' San Ġorġ la stajna u lanqas xtaqna nirriversaw il-kuluri ta' l-istatwa għal dawk ta' Azzopardi. L-ewwelnett għax intbaħna li taħt l-ilwien tal-mantell u ta' parti mit-tunika ma jidhirx li hemm żebgħa oħra - hemm biss l-intrita tal-ġibs li sservi ta' bażi għaż-żebgħa fuq l-injam. Dan jista' jfisser żewġ affarijiet: jew li Cali' neħħa għal kollox iż-żebgħa ta' Azzopardi, jew (almenu fil-każ tal-mantell) li Cali' ma zebagħx l-istatwa kollha mill-ġdid u għad hemm partijiet minnha li huma ta' Azzopardi nnifsu.

Hu x'inhu il-każ hemm raġuni oħra li kienet timmilita kontra kull attentat ta' riversament tal-kulur. Din hi li l-istatwa kif nafuha llum u kif waslet sa għandna inżebgħet mill-pittur l-aktar magħruf u ewlieni ta' tmiem is-seklu l-ieħor. Dan kien Giuseppe Cali', pittur li kellu stima kbira lejn Mons Giuseppe Farrugia (Tal-Vers) u hu nnifsu kien igawdi l-istima tal-Monsinjur li taħt id-direzzjoni tiegħu wettaq ix-xogħol li għamel fuq l-istatwa ta' San Ġorġ. Illum kulħadd japprezza l-moħħ u l-ħila kbira ta' Mons Farrugia li kellu sensibilta' artistika inugwaljata fi żmienu u aħna ċerti li Mons Farrugia ma kienx ser jippermetti, aħseb u ara jippromwovi, interventi kromatiċi li kienu jkunu dannużi jew anki insensittivi fuq l-istatwa tal-Qaddis li kien tant iħobb.

Raġuni oħra, ta' natura aktar reliġjuża milli artistika kienet li, fuq qbil unanimu, il-prinċipju tal-kult popolari kellu jingħata prijorita' fuq kull eżiġenza oħra: San Ġorġ kellu jibqa' kif nafuh u kif tgħallima nħobbuh. Il-fatt hu li ma nistgħux nimmaġinawh isbaħ!

Allura x'xogħol sar fuq San Ġorġ? Wara kollox kien San Ġorġ il-bidu u r-raġuni ewlenija tax-xogħlijiet ta' restawr li għamilna.

## Ix-Xogħol li sar fuq San Ġorġ

Fuq San Ġorġ sar xogħol mill-aktar neċessarju ta' konsolidament. Kienu ilhom jidhru diversi xpakkaturi fil-parti inferjuri ta' l-istatwa. Wieħed mill-membri tal-Komunita' Parrokkjali, is-Sur Francesco Mizzi, ħa l-inizjattiva u tkellem fuqhom ma' l-Arċipriet Mons. Salv Borg, mal-Kan. Dun Nikol Vella Apap u miegħi. Jiena tkellimt ma' l-Arċipriet u bi ftehim miegħu ikkuntattjajt lill-professur Don Ugo Dovere, li hu d-Delegat tal-Konferenza Episkopali tal-Campagna, l-Italja, għall-opri artistiċi u kulturali tar-reġjun, li jiena kelli relazzjonijiet ta' ħbiberija miegħu sa minn żmien l-universita' flimkien, f'Ruma.

Wara l-ewwel kuntatt mar-restawraturi f'Marzu tal-1996, f'April ta' l-istess sena ġew Għawdex il-Prof. Dovere nnifsu u r-restawratur li jaħdem fil-Katidral ta' Napli, Mro Aurelio Talpa, u dawn

għamlu l-ewwel eżami superfiċjali fuq l-istatwa ta' San Ġorġ u fuq il-Kurċifiss. Qabel ma' telqu lura lejn l-Italja iltaqgħu mal-Presbyterium u ma' dawk kollha li xtaqu jitkellmu magħhom fuq is-suġġett f'laqgħa pubblika li għamilna fiċ-Ċentru Parrokkjali. Wara li reġgħu lura lejn l-Italja bqajna f'kuntatt magħhom (permezz tat-telefon jew il-fax machine ta' F.X. Borg) biex nibdew it-tħejjijiet għall-proġett. Skond l-istruzzjonijiet li bagħtulna akkwistajna s-servizzi ġentili ta' Dr Joseph Xuereb biex ħadna għadd ta' x-rays ta' l-istatwa ta' San Ġorġ u dik tal-Kurċifiss li mbagħad bagħtnihom l-Italja.

F'Lulju irċivejna r-rappport tax-xogħol li kellu jsir. Saru mill-ġdid laqgħat tal-presbyterium u għall-parruċċani. F'Awissu Dun Ġorġ Frendo u jiena morna Napli propju biex nitkellmu fuq il-proġett u naraw direttament xi xogħolijiet ta' restawr fuq statwi ta' l-injam li kienu ġa saru. Ma kellniex dubju mis-serjeta' tar-restawraturi imma hemmhekk rajna b'għajnejna u ġie mfisser lilna x'tip ta' xogħol kellu jsir. F'Ottubru bagħatna uffiċċjalment il-kummissjoni u bdew isiru t-tħejjijiet finali.

Fil-11 ta' Novembru beda x-xogħol li kien previst li jieħu 10 t'ijiem. Ix-xogħol sar bi professjonalita' u bir-reqqa kollha meħtieġa. Sar fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali li għall-okkażjoni nbidlet f'laboratorju spazjuż, imdawwal sewwa bid-dawl naturali tax-xemx, u arjuż. It-temp għinna, riħ fuq - dejjem.

Il-membri tal-komunita' parrokkjali kienu kontinwament informati b'dak li kien qed isir u f'ċerti mumenti setgħu ukoll iżuru l-laboratorju fejn kienu qed isiru x-xogħlijiet. It-talb ma naqasx, lanqas. Toni Xuereb u Ġorġ Gauci kienu dejjem pronti għal kull daqqa t'id bżonnjuża. Ivan Galea bil-kamera fotografika f'idejh segwa x-xogħol siegħa b'siegħa u Frankie Mizzi bil-video ġurnata b'ġurnata. Toni Zammit u neputih Tony kienu il-ħin kollu "on call". Dun Ġorġ Frendo, Dun Nikol u l-maġġur Dun Ġużepp Borg kienu jittawlu ta' sikwit. Jiena kont kostantement preżenti attent biex nara x'inhu jsir u x'kien hemm bżonn isir.

Dawn in-nies li semmejt, u bosta oħrajn, ħdimna flimkien. Il-bqija tal-membri tal-Komunita' Parrokkjali kienu mitluba biex ma jżurux il-laboratorju waqt il-ħinijiet tax-xogħol biex ir-restawraturi jkunu jistgħu jaħdmu bla disturb. Kien ikun hemm biss tlieta jew erbgħa - għall-għajnuna (l-aktar biex jiġru 'l hawn u 'l hemm, inewlu l-affarijiet, imorru jixtru, għand il-ħaddied, eċċ.) u għar-reġistrazzjoni fotografika. Imma konna nitkellmu fuq x'kien qed isir. Kulħadd seta' jistaqsi u jagħti l-fehma tiegħu li kienet tingħata l-importanza li jixirqilha. Kien hemm ukoll ħinijiet ta' żjajjar għall-pubbliku fil-laboratorju. Kulħadd kien mistieden jitla' u kull min kien interessat biżżejjed seta' jżuru. Fid-9 ta' Novembru żaru l-Isqof Mons Nikol Cauchi li segwa b'attenzjoni l-ispjegazzjoni li saritlu u baqa' impressjonat ferm bil-professjonalita' tar-restawraturi. Infatti kulħadd kien impressjonat ferm bis-serjeta' u s-sengħa tar-restawraturi li minbarra l-formazzjoni akkademika fl-Accademia di San Luca ta' Napli, kellhom ukoll esperjenza fix-xogħol li kienu qed jagħmlu fostna. Is-suċċess finali tal-proġett kien ġa jidher mill-andament tax-xogħol. U nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek li bir-riżultat kulħadd feraħ, u feraħ ħafna.

L-interventi delikati ta' konsolidament fejn kien hemm il-qsim, ta' tneħħija ta' rqajja' fejn xi ifilsa barranin għaz-zokk ċentrali kienu ħżienu, ta' rbit tal-bażi li kienet qed tinfetaħ, ta' tindif ta' l-istatwa u ta' integrazzjoni tal-kulur irnexxew kif konna ċerti li ser jirnexxu. Ma kellniex biża, minn dan. L-ansjeta' kienet li jitfaċċa xi dannu li ma konniex nafu bih u li ma konnix inkunu nistgħu għalih. Dan ma ġarax u x-xogħol intemm b'suċċess, kif konna qed nistennew, għax sar mhux biss fl-ubbidjenza tal-kanoni ta-restawr fejn jidħlu l-opri artistiċi bħalma hi l-istatwa titulari ta' San Ġorġ imma wkoll fir-rispett tal-karattru sagru tagħhom u tar-reliġjożita' popolari marbuta magħhom. Min jitlob quddiem listatwa devota ta' San Ġorġ, ma ra xejn fih differenti milli kien jara qabel. Rah biss aktar frisk fl-ilwien tiegħu, aktar arjuż fi sbuħitu u aktar qawwi fil-ġibda spiritwali ta' ġmielu.

## Sinifikat Kulturali

Mill-prospettiva kulturali wkoll għandna ngħidu li r-restawr li sar hu ta' sinifikat notevoli. S'issa il-patrunaġġ popolari fil-parroċċi kien dejjem indirizzat għall-ħolqien ta' l-opri ġodda. Imma dan l-aħħar qed nixhdu għal fenomenu ġdid fostna: dak tar-restawr. Dan il-fenomenu għandu għeruqu f'awareness jew kuxjenza ġdida li l-opri artistiċi li għandna u li huma oġġett ta' kult u tar-reliġjożita' tradizzjonali tagħna nistgħu nitilfuhom jekk ma nagħtux każ saħħithom u ma nonfqux il-flus biex nirrestawrawhom. Kienet din il-kuxjenza li nħasset kemm fost is-saċerdoti kif ukoll fost il-lajċi tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li tat il-bidu f'Novembru 1996 għall-proġett tar-restawr li sar fuq l-istatwi ta' San Ġorġ u tal-Kurċifiss, u mbagħad f'Mejju 1997 fuq dawk ta' San Mikiel u tal-Immakulata li tinsab għall-qima fil-knisja tal-Patrijiet Konventwali. Tabilħaqq,

fil-Bażilika ta' San Ġorġ kien diġa' beda jsir xi xogħol ta' restawr: l-intern tal-koppla u l-kwadru titularita' Mattia Preti fis-sebgħinijiet, il-Preti l-ieħor lejn nofs is-snin tmenin, il-kwadru ta' Santa Katerina xi snin ilu, il-kampnar tal-lvant tlett snin ilu u l-orgni setteċentesk fil-bidu tas-sena l-oħra. Dawn apparti xi xogħlijiet oħrajn minuri. Issa jidher li din l-awareness qed tinfirex fil-parroċċi l-oħra tad-djoċesi. Il-Parroċċa ta' Kerċem approfittat ruħha mill-preżenża fostna tar-restawraturi esperti barranin u rrestawrat hi ukoll l-istatwa titulari u sabiħa tagħha tal-Madonna tas-Sokkors, flimkien ma' San Mikiel tagħna u l-Immakulata tal-Franġiskani. Il-qawmien ta' din il-kuxjenza favur ir-restawr u d-disponibilita' tal-benefatturi li lesti joħorġu flejjes kbar biex dan ir-restawr isir hu żvilupp sinifikattiv mhux ftit fil-kuntest tal-personalita' kulturali u reliġjuża tal-poplu tagħna.

Dan il-programm ta' restawr hemm bżonn li jissokta fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Nittamaw li lejn tmiem is-sajf jibda r-restawr fuq it-tielet kwadru ta' l-altari maġġuri - dak ta' San Lazzru, impitter minn Giuseppe d'Arena. Din id-darba x-xogħol ser jiġi afdat fl-idejn professjonali tas-Sur Godwin Cutajar, restawratur kompajżan li bħar-restawraturi li ħadmu qablu fuq il-kwadru ta' l-Erwieħ u fuq l-istatwi li semmejna se jaħdem fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Dan ir-restawr ħa jkun finanzjat mil-Ladies Soċiety li tant taħdem matul is-sena kollha biex tiġbor fondi b'risq il-Bażilika ta' San Ġorġ.

Tabilħaqq għandu jingħad li l-finanzjament ta' proġetti bħal dawn ma'għandux u ma jistax jibqa' jiddependi biss mill-ġenerożita' tal-membri tal-komunitajiet parrokkjali tagħna. Mhux ġust li s-salvagwardja ta' dawn l-opri tkun responsabbilta' esklussiva tagħhom. L-opri artistiċi li missirijietna, ispirati mill-Fidi Nisranija, ħallewlna bħala wirt mhumiex igawduhom biss l-Insara imma qed tibbenefika minnhom is-soċjeta' kollha. Għalhekk il-ħarsien u r-restawr tagħhom m'għandux ikun piż li jaqa' biss fuq il-Knisja imma għandu jagħti l-kontribut tiegħu ukoll l-istat. Barra minn hekk, l-għadd kumulattiv ta' dawn l-opri kulturali hu tant kbir li l-Insara, anki li kieku jridu u li kieku m'għandhomx impenji finanzjarji oħrajn, ma jifilħux jerfgħuh weħidhom. Wara kollox, ir-restawr ta' l-opri artistiċi li jinsabu fil-knejjes tagħha ma jistgħux jikkostitwixxu b'mod permanenti prijorita' fl-infiq tal-komunita' parrokkjali li għandha eżiġenzi karitatevoli, pastorali u kultwali oħra li trid tagħmel tajjeb għalihom.

Madankollu għandna għax ikunu hienja u nroddu ħajr lis-Sema għal dak li aħna, il-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ, irnexxielna nagħmlu sa issa. Dan hu programm ta' restawr li rridu nkompluh mhux biss minħabba l-kuxjenza kulturali tagħna li ma tħalliniex nibqgħu indifferenti quddiem id-dannu li ż-żmien u l-użu jikkawża fl-opri kbar u uniċi ta' arti li għandna fil-Bażilika tagħna imma wkoll minħabba l-ispirtu reliġjuż tagħna li jara fl-arti espressjoni għolja tat-Twemmin Nisrani tagħna, għajnuna fil-Ħajja tal-Fidi u mezz ta' kuntatt mas-soċjeta u ta' inkulturazzjoni Evanġelika.

Id-disa' xhur li għaddew, għalhekk, mhumiex disa' xhur li jibqgħu imniżżla b'ittri tad-deheb fl-annali kulturali biss tal-Parroċċa tagħha. Huma disa' xhur li jibqgħu mniżżla wkoll fl-annali tal-Fidi tagħha, annali li għandhom il-bidu tagħhom ma' l-ewwel preżenza ta' l-Insara fuq din il-gżira. Ixxurtajti aħna li writna, minn għand dawn l-Insara missirijietna, il-Fidi Nisranija u l-ħarsien setgħan u mimli mħabba ta' San Ġorġ, Patrun Glorjuż tagħna. ●

## Chiese Unite - Malta *(Gozo)*

Invitato dal Capitolo della Basilica "Romana" di S. Giorgio nell'isola di Gozo (Malta) per alcune celebrazioni religiose e culturali, venni a conoscere che la predetta Basilica è unita *ab immemorabili* alla nostra Arcibasilica.

Quale esperto di studi di riguardanti S. Giorgio e quale collaboratore dell'Ecc.mo Abate G. B. de Tóth per le Chiese Unite all'Arcibasilica, presiedetti alle solenni Celebrazioni indette per l'accoglienza di una reliquia insigne e per il rinnovo della aggregazione e della concessione dei benefici spirituali, cui seguì il conferimento dell'argenteo medaglione Lateranense e Georgiano.

*D. B.*






*Kitba meħuda mir-rivista LATERANENSIA (Diċembru 1996 N°12) mahruġa mill-Arċibażilika ta' 'San Giovanni in Laterano' – Ruma.*

# Ir-Restawr ta' l-Orgni tas-settecento u l-Installazjoni ta' Orgni Ġdid fil - Bażilika ta' San Ġorġ

■ *minn* **Dun George Frendo**

Fuq l-inizjattiva tal-Kor Laudate Pueri ta' din il-Bażilika, l-Orgni storico gie restawrat għas-sbuħija u l-funzjonalita' originali tiegħu. Ix-xogħolijiet estensivi ta'restawr saru f'Ruma, Foligno u hawn Għawdex mill-organaro Daniel Taccini minn Ruma, megħjun minn team ta' artisti u artiggjani dedikati kemm lokali kif ukoll barranin.

Meta kien qiegħed isir studju preparatorju għal dan il-progett irrizulta li l-orgni kien ikkummisjonat fl-1781 għand id-ditta ta' fama ta' organari Santucci minn Messina. L-orgni kellu jintegra fih l-orgni precedenti tal-1600 li fi zmienu kien sar sabiex jitqiegħed fil-Knisja l-gdida f'għamla ta' salib Latin li kienet tlestiet. Din kienet l-ewwel Knisja ta' din l-istruttura f'Għawdex u kienet inbniet fil-post ta' oħra eqdem li kienet garrbet hsarat kbar mit-Torok invazuri, furbani u kawzi naturali. Din il-Knisja l-gdida kellha tibqa' bhala għelm dejjiemi għall-Knejjes parrokkjali li kien għadhom kif inqatgħu mit-territorju parrokjali ta' l-Arci-Matrici ta' San Ġorġ, tal-primat, ic-centralita' u l-unicita' tagħha fl-organizzazjoni parrokkjali ta' Għawdex. Fis-sekli ta' wara l-orgni għadda minn diversi tibdiliet u modifikazzjonijiet bir-rizultat li l-kwalita' tat-ton u d-disponibilita' tiegħu kienu affettwati. L-orgni, pero', irnexxielu jibqa' minkejja l-moda li kien hawn iktar kmieni fis-seklu tagħna, li rat it-tneħħija u l-qerda ta' oggetti meqjusa bhala antiki u bla siwi u li kienu sostitwiti b'oggetti moderni, li fil-fatt ma kellhom l-ebda valur meta mqabbla ma' ta' qabilhom. Mhux talli hekk, izda talli llum is-sistema ta' l-organari hi li jergħgħu jibnu l-orgnijiet bil-mod mekkaniku, ie. kif inhu l-orgni l-qadim.

Qegħdin nippublikaw silta minn rapport estensiv li fih Daniel Taccini juri l-process ta' restawr u x-xogħol li kien involut fir-rinnovament ta' l-Orgni Storico. *(Dan ir-rapport, bl-Ingliz, jinsab fl-arkivji ta' l-Arci-Matrici).*



Waqt ezami akkurat li sar fuq il-post, instab li l-orgni kien fi stat hażin. Dan għaliex il-kanni kienu sofrew diversi modifikazzjoniet minn idejn inesperti matul xogħolijiet li kienu saru precedentement. Il-partijiet ta' l-injam ta' l-orgni kellhom hsarat konsiderevoli. Peress li fit-totalita' tiegħu, ix-xogħol ta' retawr kien se jitlob impenn kbir u serju, gie decis li x-xogħol ta' tindif, arrangament u restawr tiegħu isir fil-laboratorji tad-ditta fl-Italja.

Il-kanni tac-comb reggħu ingħataw il-fizjonomija originali tagħhom wara li kienu trattati b'sistema ta' arja kompressata u gew mnaddfa. Il-kanni li kienu jonqsu gew mibnija ezattament fuq il-mudell antik u gew uzati metalli li jaqblu perfettament mal-kanni l-antiki. Il-partijiet ta' l-injam gew mnaddfa u mgħotija trattament ta' konservazzjoni specjalment il-windchest principali u dik tal-kanni tac-comb b'mod tali li gie assigurat l-funzjonalita' shiha tagħhom.... It-tastiera giet irrangata kompletament wara li tasti gew trattati individwalment. Wara studju komparattiv, il-pedaliera giet mibnija ezattament skond l-original u ntuza l-materjal l-antik. Manfah gdid gie installat u ntuza l-aqwa materjal li hu l-fur u l-gild tal-haruf. Il-materjal uzat kollu gie impurtat mill-Germanja mill-aqwa ditti f'dan il-qasam. Is-sistema originali tar-registri giet mahduma mill-gdid flimkien mas-sistema mekkaniku l-antik. L-orgni fih blower ta' l-elettriku li gie imqiegħed fl-orgni f'kaxxa soundproof. Ir-restawr ta' l-orgni għamel possibbli l-introduzzjoni ta' sistema teknologiku innovattiv f'pajjizna. Dan hu sistema li permezz tiegħu jista' jindaqq l-orgni l-qadim mhux biss mill-post ie. fil-gallarija ta' l-orgni izda wkoll minn gol-Kor tal-Knisja. għal dan il-għan inxtara orgni elettroniku apposta li jirriproduci minnu nnifsu hoss ta' orgni propju tal-Knisja, li permezz ta MIDI (Musical Instrument Digital Interface) imqabbad miegħu jigi wkoll ikkontrollat l-orgni l-antik. għalhekk hemm il-possibilita' li mill-Kor tal-Knisja jista' jindaqq jew

i. l-orgni l-qadim waħdu, jew
ii. l-orgni l-elettroniku waħdu, jew
iii. ż-żewġ orgnijiet flimkien.

Ta' min isemmi wkoll li l-ħoss ta' l-orgni elettroniku johrog minn fuq il-gallerija ta' l-orgni permezz ta' żewġ speakers kbar li gew imqiegħda apposta sabiex jipproggettaw hoss tipiku ta' orgni tal-kanni. Din it-teknika li hi l-aktar wahda avvanzata fil-qasam ta' l-organistika twessa' hafna l-possibilitajiet u d-disponibilita' tal-funzjonalita' ta' l-orgni l-qadim mingħajr ma' bl-ebda mod timmodifika l-karatteristici mekkanici tiegħu li huma tant ta' pregju u ta' prestigju. Is-sistema tal-MIDI tagħmel ukoll possibli li jindaqq l-orgni permezz ta' pre-recorded controls b'mod kompletament awtomatiku.

Ix-xogħolijiet ta' restawr u l-progett kollu kien ideat mir-Rev.di Joseph Mercieca, George J. Frendo u Joseph Farrugia. Dan il-progett ambizzjus ma' kienx ikun possibli li jitwettaq mingħajr l-għajnuna shiha ta' Mons Arcipriet Salv Borg u Rev.mu Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika, kif ukoll paruccani numeruzi li taw l-kontribut artistiku u finanzjarju tagħhom. Fuq quddiemnett insemmu lil Rev.mu Kan. Dun Ġużepp Borg C.A.F. li l-kontribuzzjoni tiegħu tat bidu għat-twettiq ta' dan il-progett ta' valur liturgiku-artistiku inestimabbli. Ix-xogħolijiet stupendi ta' restawr fuq il-kaxxa ta' l-orgni u xogħol konness ma' tqegħid ta' sistema gdid ta' l-elettriku gew imwettqa taht id-direzzjoni tar-restawraturi ewlenin Taljani, mis-Sinjuri Frank Mizzi, Joseph u Pascal Grech, Joseph u Mark Sagona, Anthony Zammit, Joseph Borg ta' FXB Furniture, Tony u Frankie Zammit, Patrick Attard u Francesco Maestrelli.

Tassew li dan il-proġett kien xhieda oħra tas-serjeta' u tal-professjonalita' fl-impenn u fl-organizzazjoni tiegħu kif ukoll mudell ta' kollaborazzjoni fuq livell artistiku u artiggjanali bejn esperti lokali u barranin. għal darba oħra il-parrocca ta' San Ġorġ zvolgiet il-funzjoni pluri-sekolari tagħha li tkun dawl u gwida għall-parroċċi oħra fil-qasam liturgiku-artistiku. ●

# Tagħrif dwar ix-xogħolijiet kbar ta' restawr li sar fuq l-istatwi artistici ta' San Ġorġ u l-Kurcifiss fil-Bażilika Kolleġjata ta' San Ġorġ Martri

■ *minn* **Geoffery G. Attard**

Kienet ilha tinhass il-ħtieġa li l-istatwi artistici u devoti ta' Ġesù Kurcifiss u dik titulari ta' San Ġorġ Martri meqjuma sa minn qabel nofs is-seklu l-iehor fil-bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria, isirilhom xi restawr. Sew miħabba li ż-żewg statwi għandhom iż-żmien tagħhom, u sew minħabba li dawn it-tnejn jinħarġu fil-purcissjonijiet rispettivi tagħhom u dan maż-żmien ikkawżalhom xi ħsara. għalhekk, wara hafna diskussjonijiet, gie deciz li dawn iż-żewg statwi artistici, li nistgħu nsejħulhom tezori mprezzabli tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u ta' Għawdex kollu, jigu rrestawrati b'mod serju u fuq kollox professjonali.

Kien bit-thabrik ta' Dun Ġużepp Farrugia li gie kkuntattjat il-Professur Mons. Ugo Dovere, għal bosta snin segretarju personali ta' l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi, Arcisqof ta' Napli, li fl-1984 kien onorana bil-prezenza tiegħu fl-okkażjoni tal-festi specjali li kienu saru biex ifakkru s-17-il centenarju mit-twelid tal-Kbir Qaddis tal-Kappadocja, San Ġorġ Megalomartri. għalhekk Dun Ġużepp Farrugia kiteb direttament lil Mons. Ugo Dovere permezz ta' ittra datata 1 ta' April 1996 li fiha talab l-għajnuna professjonali tiegħu sabiex ikunu jistgħu jigu restawrati l-istatwi ta' Ġesù Kurcifiss u ta' San Ġorġ, it-tnejn meqjuma fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u t-tnejn xogħol ta' l-istatwarju Malti Pietru Pawl Azzopardi. Mons. Dovere kien il-bniedem providenzjali għal dan ix-xogħol għax hu mhux biss specjalizza fl-istorja ta' l-arti u tal-Knisja imma huwa wkoll id-delegat ta' l-Isqfijiet kollha tar-regjun tal-Campagna, li fiha tinsab l-Arcidjocesi ta' Napli, għall-harsien ta' l-opri artistici li jinsabu fil-knejjes tad-djocesijiet tagħhom.

Hawnhekk ta' min isemmi li fil-waqt li l-istatwa ta' San Ġorġ Martri ndahmet fis-sena 1838 jew qabel, dik ta' Ġesù Kurcifiss saret fis-sena 1848 u t-tnejn huma xogħol sabiħ fl-injam. Zgur għalhekk li kien xieraq u f'loku li dawn iż-żewg tezori meqjuma b'għozza kbira fil-bażilika tal-Belt Victoria jigu rrestawrati. Dun Ġużepp Farrugia u Dun Ġorġ Frendo hadmu b'mod serju u b'ħeġġa jinstabu l-esperti li b'kompetenza f'dan il-qasam ta' l-arti jagħmlu x-xogħol meħtieġ.



*L-E.T. Mons Isqof qed ibierek ir-restawr li sar fuq il-Kurċifiss, il-Ġimgha, 15 ta' Novembru.*



*Is-sezzjoni prinċipali ta' l-udjenza, is-Sibt, 16 ta' Novembru*



*Il-mistiedna distinti għall-Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' l-Orgni.*



*Dun Ġorġ frendo qed jidderieġi l-Kor "Laudate Pueri" waqt il-preżentazzjoni ta' wiehed mill-kotba li ġew ppublikati.*



*Il-"Chorus Urbanus" waqt wieħed mill-mumenti mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea*



*L-E.T. Mons. Isqof qed ibierek l-Orgni restawrat waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja tas-Sibt, 16 ta' Novembru*



*Mons Dante Balboni waqt il-Quddiesa Solenni tal-Ħadd, 17 ta' Novembru*



*Il-vjolinista Marcello Canci jieħu b'idejn Mro. Joseph Vella waqt il-Kunċert tal-Ħadd, 17 ta' Novembru*

Huma sahansitra marru l-Italja biex jitkellmu magħhom, iżuru l-laboratorji tagħhom u jaraw ix-xogħolijiet li għamlu.

Wara li dawn l-esperti nstabu u accettaw li jigu minn Napli u jidhlu għax-xogħol tal-istatwi tagħna, gie miftiehem li ssir laqgħa tal-Presbyterium Parrokkjali u tal-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan li fiha, l-esperti Taljani mistiedna f'Għawdex sabiex jesegwixxu dan ix-xogħol ta' restawr, ikunu jistgħu jispjegaw il-process li kien meħtieg isir. Din il-laqgħa saret nhar is-Sibt 27 ta' April 1996 fl-10.00 am. Dawk kollha prezenti semgħu lill-Professur Dovere u lil Maestro Aurelio Talpa, jispjegaw il-principji tar-restawr li kienu se jmexxu fuqhom. Huma insistew, bir-ragun, li dan ir-restawr kellu jiehu f'konsiderazzjoni l-fatt li l-opri artistici li kienu se jigu restawrati kienu oggetti tal-kult Nisrani. ta' min jgħid li din il-laqgħa kienet miftuħa għall-pubbliku u attendew ukoll għaliha g]add kbir ta' persuni interessati li għamlu diversi mistoqsijiet. F'din il-laqgħa, l-esperti Taljani tkellmu dwar is-servizz li setgħu joffru fil-konfront tar-restawr ta' dawn iż-żewg statwi artistici. In-nies li semgħuhom baqgħu kuntenti ferm bil-kompetenza li wrew u setgħu jserrħu rashom li x-xogħol li kienu dehlin għalih kien tabilhaqq hobz għal snienhom.

Wara d-diversi diskussjonijiet li saru, fl-ahhar gie deciz li x-xogħol ta' restawr fuq dawn iż-żewg statwi artistici meqjuma fil-bażilika ta' San Ġorġ kellu jingħata bidu f'Novembru 1996. Fil-fatt, ir-restawraturi Taljani mmexxija minn Maestro Talpa taw bidu għax-xogħol fit-3 ta' Novembru u x-xogħol intemm fil-15 l-istess xahar. Matul l-esekuzzjoni tar-restawr, bosta parruccani u nies oħra zaru s-Sala tac-Centru Parrokkjali ta' San Ġorġ sabiex jaraw ix-xogħol li kien qed isir. Fost il-vizitaturi nistgħu nsemmu lill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol G. Cauchi u Dr Eugene Montanaro, kritiku ewlieni ta' l-arti skultorja f'Malta u President Onorarju tal-Banda Cittadina 'La Stella'.

Fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta' dawn iż-żewg statwi devoti tal-bażilika ta' San Ġorġ, gie mfassal proġramm ta' celebrazzjonijiet xierqa sabiex permezz tagħhom jikber dejjem izjed is-sens ta' apprezzament min-naħa tal-parruccani fil-konfront ta' dan ix-xogħol kbir ta' restawr li l-Parroċċa ta' San Ġorġ kienet daħlet għalih. Ic-celebrazzjonijiet li kienu mqassma fuq gimgħatejn bdew nhar il-Gimgħa 15 ta' Novembru 1996 b'Koncelebrazzjoni Pontifikali mill-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa mmexxijin minn Mons. Isqof N. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleggjata. F'din il-koncelebrazzjoni sar it-tberik tar-restawr tal-Kurcifiss Devot u mirakuluz, xogħol P.P. Azzopardi. Il-Kan. Dun Nikol Vella Apap għamel id-diskors ta' l-okkażjoni li kien jitratta t-teologija tas-Salib u l-istorja tal-Kur'ifiss li kien għadu kif gie restawrat.

Ta' min jgħid li f'dawn il-festi ma kienx qed jigi ccelebrat biss ir-restawr ta' l-istatwi ta' San Ġorġ u ta' ĠesùKurcifiss imma wkoll ta' l-Orgni l-antik tal-bażilika, li x-xogħol ta' restawr fuqu, mibdi fi Frar tal-1996 intemm f'Settembru ta' l-istess sena. għalhekk, nhar is-Sibt 16 ta' Novembru saret Akkademja mużiko-Letterarja preseduta mill-President ta' Malta l-Eccellenza Tiegħu Dr. Ugo Mifsud Bonnici li fiha Mons Isqof Nikol Cauchi bierek dan il-proġett mill-aktar importanti għal-liturgija fil-bażilika ta' San Ġorġ. ta' min isemmi wkoll, hawnhekk, li dan il-proġett tmexxa minnDun Ġorġ Frendo f'kollaborazzjoni ma' Dun Joseph Mercieca u Dun Ġużepp. Fl-

Akkademja mużiko-Letterarja ta kuncert fuq l-orgni Padre Alberto Cerroni OFM li huwa l-organista tal-bażilika tal-Porziuncola f'Assisi u professur tal-orgni fil-Pontificio Istituto di Musica Sacra f'Ruma. Saru wkoll diskorsi kommemorattivi minn Rev. George J. Frendo, direttur tal-Kor 'Laudate Pueri', minn Rev. Patri George Aquilina OFM, studjuż ta' l-istorja, u minn Mons. Arcipriet Salv Borg li f'isem il-Parroċċa rringrazzja għal dak kollu li kien sar.

Għal dawn il-festi kien mistieden ukoll Mons. Dante Balboni, Kanoniku tal-Knisja Arcibażilika Katidrali tal-Lateran u Kanoniku Onorarju tal-bażilika Kollegjata ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria. Mons. Balboni għamel għadd ta' diskorsi f'dawn ic-celebrazzjonijiet. Imbagħad nhar il-Hadd 17 ta' Novembru fil-11.00a.m. Mons. Balboni mexxa Koncelebrazzjoni Solenni flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa li fiha huwa pprezenta relikwija ta' San Ġorġ Martri, u li Mons. Arcipriet Salv Borg ircevieha f'isem il-Kommunita' Parrokkjali tal-Belt Victoria.

Ic-celebrazzjonijiet tkomplew dak inhar stess fil-għaxija din id-darba f'nota purament kulturali. Taħt id-direzzjoni tal-Prof. Mro Joseph Vella, li hu l-'Maestro di Cappella' tal-bażilika ta' San Ġorġ sar 'Orchestral Concert' li fih hadu sehem vjolinista solista famuż fil-persuna ta' Marcello Canci, solista iehor li jdoqq il-kitarra klassika li jismu Carlo Carfagna, it-tnejn mill-Italja, u s-solista Skoċċiz John MnDonough. Akkumpajnati minn orkestra Maltija huma taw kuncert kbir li fih daqqew bicciet ta',Gragnani, Paganini, Bach u tas-Surmast Vella nnifsu.

Sabiex il-poplu kollu jkun jaf fiex kien jikkonsisti x-xogħol kollu ta' restawr li sar fuq iż-żewg statwi meqjuma fil-bażilika, nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru fis-6.30 p.m. kellu jsir forum fuq ix-xogħol ta' restawr li sar mhux biss fuq l-istatwi imma wkoll fuq l-orgni settecentesk tal-bażilika Ġorġjana. miħabba li l-Prof. Dovere marad u l-Prof. Mario Buhagiar tal-Universita' ta' Malta, li kien wiehed mill-konsulenti f'dan il-proġett, kellu jsiefer bla hsieb, dan il-forum thalla għal darba oħra u floku saret il-konferenza ta' Mons Balboni pproġrammata għal nhar il-Erbgħa. G]alhekk, nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru fis-6.30 p.m. Mons. Balboni għamel konferenza dwar 'San Ġorġ Martri: Storja, Arkeologija u Liturgija'. Mons. Balboni, iomwieled fil-belt Ġorġjana ta' Ferrara, huwa wkoll aggjografu u studjuż tal-liturgija Paleokristjana u għal diversi snin ta s-servizz tiegħu fil-'Bibliotheca Vaticana'.

Nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 1996 fis-6.30 p.m. saret il-prezentazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ktieb gdid 'Il-Knisja Arci Matrici tal-Belt u tal-Gzira Għawdxija' tal-Kan. Karm Grech. F'din il-prezentazzjoni tkellmu ukoll Patri Ġorġ Aquilina O.F.M. li hu storiku ewlieni tal-Knisja f'Malta u Għawdex, l-imsemmi Mons Balboni u s-Sur Joseph Borg li hu s-Segretarju Generali tas-Socjeta' 'La Stella'.

Nhar il-Hamis 21 ta' Novembru Mons. Isqof Nikol G. Cauchi għamel vizta pastorali fil-Kazin tat-Teatru Astra li huwa wkoll is-sede tas-Socjeta Filarmonika 'La Stella'. Mons. Isqof gie mogħti merhba mill-president tas-Socjeta' Dr Joseph Ellis kif ukoll mill-Kumitat, il-Bandisti u s-soci kollha. F'din l-okkażjoni Mons. Emmanuele Mercieca, Arcipriet Emeritus tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u Direttur Spiritwali ta' l-istess Socjeta' bierek lapida kommemorattiva b'tifkira ta' l-Ewwel Innu għall-Festi Esterni ta' San Ġorġ li jgib l-isem 'Su



*Rev. Dr. J. Farrugia qed jippreżenta lil Mons D. Balboni għall-konferenza tat-Tnejn, 18 ta' Novembru.*



*Is-sopran Maria Frendo waqt wiehed mill-mumenti mużikali flimkien ma' l-arpista Donata Mattei.*



*L-istatwa ta' San Ġorġ waqt il-translazzjoni ta' l-Erbgħa, 20 ta' Novembru.*



*Is-Sur Joseph Borg, Segretarju Ġenerali, jilqa' lill-E.T. Mons Isqof fil-Każin tal-Banda La Stella, il-Ħamis, 21 ta' Novembru*



*Il-President tas-Soċjetà La Stella waqt il-qari ta' l-Iskrittura fil-Quddiesa li saret fil-Każin, il-Ħamis, 21 ta' Novembru*



*Il-President tas-Soċjeta' La Stella, dr J. Ellis u l-W.R. Mons E. Mercieca, Direttur Spiritwali tas-Soċjeta' wara t-tberik tal-Lapida*



*Dun Ġorġ Frendo, Direttur tal-Kor "Laudate Pueri" li rregala l-lapida, qed jagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni*

Garzoni All'Invitto Campione' miktub u mmużikat mill-genju Ġorġjan Mons. Giuseppe Farrugia (Tal-Vers).

Imbagħad nhar il-Gimgħa 22 ta' Novembru fis-6.30 p.m. saret il-prezentazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ktieb 'Il-Parroċċa ta' Għawdex' miktub minn Pawlu Mizzi. F'din l-okkażjoni saru diskorsi mill-Professur Victor Mallia-Milanes, Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja fl-Universita' ta' Malta, mill-Professur Joseph Brincat studjuż ta' l-istorja medjevali fl-istess Universita' ta' Malta u mis-Sur Dolindo Cassar, membru habrieki tal-Kumitat 'La Stella' u editur tal-ktieb-proġramm li johrog ta' kull sena għall-festa ta' San Ġorġ.

Nhar is-Sibt 23 ta' Novembru saret Akkademja-mużiko Letterarja preseduta mill-Kardinal Paul Augustin Mayer O.S.B. li kien il-mistieden specjali għal dawn il-festi. Originarjament kien gie mistieden il-Kardinal Alfonso Maria Stickler, Kardinal Titulari tal-bażilika Kostantinjana ta' San Giorgio al Velabro f'Ruma imma miħabba xi cirkustanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom, dan ma setax ikun fostna. F'din l-Akkademja mużiko-Letterarja, iż-żewg korijiet tal-bażilika, il-Kor 'Laudate Pueri' u l-'Chorus Urbanus' esegwew diversi xogħolijiet mużikali fosthom uhud ta' Bartolucci u Palestrina. għal din l-akkademja kienet prezenti delegazzjoni mill-Kapitlu tal-Kollegjata tan-Nadur, immexxija minn Mons. Arcipriet Salv Muscat. F'din l-Akkademja saru diskorsi ta' l-okkażjoni minn Dr. Eugene F. Montanaro, studjuż ta' l-istorja u President Onorarju tal-Banda Cittadina 'La Stella', minn Rev. Dr. Joseph Farrugia li jgħallem it-teologija fis-Seminarju tal-Qalb ta' Gesù, Għawdex, u fl-Universita' ta' Malta, minn Mons. Arcipriet Salv Borg u mill-Kardinal Mayer li wera l-apprezzament kbir tiegħu bi kliem sabih. Il-poeta Ġorġ Pisani, permezz ta' ibnu Dr Paul Pisani, ipprezenta l-poezija sabieha 'Cinkwantenarja'. Il-poplu prezenti li mela l-bażilika għal din l-okkażjoni laqa' b'applawsi kbar id-diskorsi qosra imma essenzjali li saru. L-esekuzzjonijiet mu\ikali kienu jinkludi kuncert sabieh mill-organista zagħżugħa Claire Baluci.

L-għada, il-Hadd 24 ta' Novembru, dawn ic-celebrazzjonijiet kbar lahqu l-qofol tagħhom fil-Koncelebrazzjoni Pontifikali li saret fil-bażilika fl-10.00 a.m. Il-Banda Cittadina 'La Stella' għamlet marc ta' l-okkażjoni minn quddiem il-Kazin tagħha sal-Pjazza ta' quddiem il-bażilika fejn hemmhekk laqgħet lill-E.T. il-Kardinal Mayer. Imbagħad il-Kardinal mexxa l-Koncelebrazzjoni Solenni flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa. Kienu mistiedna sabiex jikkoncelebraw il-Kapitli tal-Kolleggjati ta' l-Għarb, tan-Nadur u tax-Xagħra. Mons. Salv Muscat Arcipriet tal-Parroċċa tan-Nadur flimkien ma' tlett kanonici oħra ta' l-istess Kollegjata u għadd kbir ta' Sacerdoti li gew minn barra l-parroċċa kkoncelebraw flimkien mal-Kardinal u mal-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan. Jassistu minn fuq il-presbiterju kien hemm delegazzjoni ufficcjali tal-Kapitlu Katidrali ffurmata mid-Dekan ta' l-istess Kapitlu Mons. Carmelo Scicluna, u minn Mons. Ġorġ Tabone u Mons. Girgor Grech. F'din il-koncelebrazzjoni pontifikali giet esegwita l-quddiesa 'Mass in D' ta' Mro. Profs. Joseph Vella. Qabel tmiem il-quddiesa sar diskors ta' l-okkażjoni minn Dun Ġużepp Farrugia. Imbagħad saret ic-cerimonja tat-tberik tar-restawr li sar fuq l-istatwa titulari ta' San Ġorġ Martri, l-ewwel u l-isbah statwa titulari f'Għawdex, xogħol kapolavur ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi. L-Em T. il-Kardinal Mayer nizel quddiem l-istatwa u l-ewwel bierek l-istatwa u mbagħad



Il-Kardinal Mayer qed jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi, il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru

incensa r-relikwa li kien hemm f'riglejha. għal din il-quddiesa kien hemm prezenti għadd ta' nies distinti fosthom Dr Alfred Sant, il-Prim Ministru ta' Malta, Dr Eddie Fenech Adami, il-Kap ta' l-Oppozizzjoni, Dr Anton Refalo, is-Segretarju Parlamentari għal Għawdex, is-Sindku tal-Belt Victoria u oħrajn.

Għal din il-koncelebrazzjoni l-bażilika ta' San Ġorġ kienet mimlija bin-nies li gew bi hgarhom sabiex jiehdu sehem u jassistu għat-tberik ta' l-istatwa għaziza ta' San Ġorġ. ta' min jgħid li n-nies ma naqsu qatt li jigu bi hgarhom għall-attivitajiet kollha li kienu organizzati imma għall-Pontifikal tal-Hadd il-poplu fil-bażilika kien kbir bhal dak inhar tal-festa f'Lulju.

F'nofs inhar il-Kardinal u għadd ta' mistednin oħra, fost għadd kbir ta' parruccani, attendew għal pranzu fil-'Cornucopia Hotel' organizzat mil-'Ladies Society', għaqda ta' nisa tassew habrieka li tahdem is-sena kollha b'risq il-bażilika ta' San Ġorġ.

Imbagħad fl-okkażjoni ta' l-għeluq ta' dawn ic-celebrazzjonijiet, il-Banda 'La Stella' tellgħet kuncert sinfoniku bi bcejjec ta' Rossini, Giordano u l-istess Joseph Vella. Dan il-kuncert sar that il-patrocinju tal-Kardinal Mayer u s-Segretarju Parlamentari għal Għawdex Dr Refalo. Fl-ahhar gie esegwit l-Innu tal-Banda 'La Stella' u l-Innu Nazzjonali. B'hekk gew fi tmiemhom dawn ic-celebrazzjonijiet kommemorattivi fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tar-restawr ta' l-istatwi ta' San Ġorġ Martri u ta' ĠesùKurcifiss meqjuma fil-bażilika tal-Belt Victoria kif ukoll ta' l-Orgni tal-bażilika li hu l-aktar wiehed antik fost dawk tal-parroċċi ta' Għawdex.

Ta' min jgħid li dawn il-festi u dan ix-xogħol kbir ta' restawr ma kienx ikun possibli kieku ma tawx il-kontribut tagħhom certi ndividwi. Insemmu l-ewwel nett lill-Arcipriet tal-Parroċċa Mons. Salv Borg li dejjem ta l-approvazzjoni shiha tiegħu għal dak kollu li sar, is-sacerdoti Rev. Dr. Joseph Farrugia u Rev. George J. Frendo li wrew interess kbir f'kull hidma li saret u li nistgħu bla tlaqliq ngħidu li kienu l-moħħ wara dan kollu, lill-Kan. Il-Maggur Dun Ġużepp Borg u lis-Sinjuri Francis u Doris Mizzi, li taw l-akbar kontributi finanzjarji għar-restawr li sar fuq l-orgni u fuq l-istatwa ta' San Ġorġ,



Dr Paul Pisani qed jaqra l-poeżija ta' missieru Ġorġ "Ċinkwantenarju" waqt l-akkademja Mużiko-Letterarja tas-Sibt, 23 ta' Novembru



Il-Kardinal Mayer qed ibierek l-istatwa restawrata ta' San Ġorġ, il-Hadd, 24 ta' Novembru



Il-Banda Ċittadina La Stella takkumpanja l-Kard. Mayer għall-Pontifikal tal-Ħadd, 24 ta' Novembru



Il-Kardinal Mayer miexi lejn il-Bażilika akkumpanjat mill-Kapitlu Ġorġjan, il-Ħadd, 24 ta' Novembru



Mons Arċipriet Borg qed irodd il-ħajr tiegħu f'isem il-Komunità Parrokkjali, il-Ħadd, 24 ta' Novembru

u lil diversi persuni oħra li m'huwiex possibli nsemmuhom kollha u li taw l-għajnuna tagħhom jew finanzjarjament jew b'modi oħra.

Fuq kollox, il-festi kienu setgħu jkunu ta' success permezz tas-sehem tal-parruccani kollha li dejjem imlew il-bażilika fl-okkażjonijiet kollha.

Miħabba li dan ix-xogħol ta' restawr kien ta' success, gie mbagħad deciz li l-istess restawraturi jergħu jigu fostna sabiex jirrestawraw tlett statwi oħra; l-istatwa ta' San Mikiel Arkanglu meqjuma fil-bażilika ta' San Ġorġ, l-istatwa ta' l-Immakulata Kuncizzjoni meqjuma fil-Knisja ta' San Frangisk fir-Rabat u l-istatwa titulari tal-Madonna tas-Sokkors tal-Parroċċa ta' Kercem li din is-sena qed isirula festi specjali f'għeluq il-mitt sena tagħha. Fil-fatt dawn ir-restawraturi Taljani regħu kienu fostna bejn it-18 ta' Mejju u l-31 ta' Mejju 1997 sabiex f'dan iż-żmien jirrestawraw dawn l-istatwi msemmija.

L-istatwa artistika ta' San Mikiel Arkanglu li għal bosta snin kienet toħrog processjonalment mill-parroċċa tagħna giet restawrata għall-ewwel darba minn mindu saret fis-sena 1838 mill-istatwarju Malti Alessandro Farrugia. Il-Kapitlu ddecieda li jerga' jagħti lil din l-istatwa d-dehra originali tagħha u fil-fatt ir-restawraturi Taljani esegwew dan ix-xogħol. L-istatwa ta' San Mikiel imbagħad giet esposta għall-qima tal-fidili fil-bażilika u giet imbierka f'koncelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arcipriet nhar it-Tlieta 3 ta' Gunju 1997.

Dan ix-xogħol ta' restawr, li tmexxi wkoll minn Dun Ġużepp Farrugia, seta' jseħħ biss bil-kollaborazzjoni ta' bosta persuni. Wieħed ma jistax jinsa l-benefatturi li taw il-flus kemm għar-restar ta' San Ġorġ u l-Kurcifiss u l-Orgni kif ukoll għar-restawr ta' San Mikiel. Ix-xogħol gie mfaħħar għas-serjeta' u għall-professjonalita' tiegħu minn dawk kollha li setgħu jaraw dan ix-xogħol isir u jitlesta. Jalla fil-futur jkollna okkazzjonijiet oħra simili li certament jippromovu l-kultura u l-apprezzament ta' l-arti religjuża fil-gzira tagħna. Dawn ix-xogħolijiet ta' restawr komplew jaccertaw lil kulħadd li l-parroċċa ta' San Ġorġ reġgħet żammet l-identita' tagħha bħala l-parroċċa-gwida fi ħdan il-belt u l-gżira Għawdxija. ■



Il-Kardinal Mayer mal-Kapitlu Ġorġjan fl-Awla Kapitulari

# Il-Qima lejn il-Kurċifiss fil-Bażilika Kolleġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex

■ *Mill-KAN. DUN NIKOL VELLA APAP*





Fl-Ewwel Ittra lill-Korintin fi hu Kapitlu 2, vers 2, l-Appostlu u mgħallem tal-gnus San Pawl kiteb; 'Ma ippretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom ħlief lil Kristu Ġesù 'l dan imsallab'. Mela fil-ħsieb ta' San Pawl ix-xandar tal-Vanġelu jfisser lil Kristu Msallab u dan u dak huma ħaġa waħda.

Ta' min jaħseb għalhekk li mill-ewwel sekli is-salib Imqaddes kien ic-Centru tal-hajja Nisranija. Fil-Vanġelju tad-dixxiplu l-maħbub San Ġwann l-Appostlu u Evanġelista naqraw; 'U meta nintrefa' 'l fuq mill-art jiena nigbed il-bnedmin kollha lejja. Hu qal dan biex jurihom b'liema mewta kien sejjer imut' (Ġw 12; 32-33) L-erba' evanġelisti fil-Vanġelju tagħhom isemmu s-salib li fuqu gie imsammar u mislub Ġesù.

San Mattew kiteb; 'Imbagħad, wara li għaddewh biz-zufjett, nezzgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejgu. U ħaduh mbagħad magħhom biex isallbuh. Huma u sejrin sabu ragel minn Cirene jismu Xmun u gagħluh jerfagħlu s-salib. (Mt 27; 31-32)

San Mark kiteb; 'U ħaduh 'il barra biex isallbuh. Kien għaddej wiehed Xmun minn Cirene, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba' u gagħluh jerfagħlu s-salib.

San Luqa kiteb; 'Huma u serjin bih, qabdu wiehed jismu Xmun minn Cirene ġej lura mir-raba' u għabbewħ bis-salib biex igorru wara Ġesù' (Luqa 23;26)

San Ġwann kiteb; 'U huma ħadu lil Ġesù. Gesù refa' s-salib u hareg lejn il-post imsejjaħ il-Qorriegħa bil-Lhudi, Golgota. Hemm huma sallbuh u tnejn ohra wiehed kull naħa u Gesùfin-nofs' (Ġw 19; 16-18)

L-isbaħ pagna li jħallilna San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu hija meta kiteb; 'Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù, Ommu, oħt Ommu Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala. Mela kif Gesù lemaħ lil Ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha qal lil Ommu; 'Mara hawn hu Ibenk'. Imbagħad qal lid-dixxiplu 'Hawn hi Ommok' (Ġw 19;25-26).

Is-Salib kien ta' erba' għamliet. L-ewwel, dak magħmul minn zokk wieqaf, it-tieni, dak ta' żewġ izkuk b'saħħithom imsallbin f'għamla ta' "X", it-tilet, sura ta' "T" kbira u r-raba', bħal dak li aħna mdorrijin naraw ta' spiss fil-knejjes tagħna u fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.

Qabel ma jsallbu lil xi hadd, ir-Rumani kellhom għada jifflagelawh. Xi drabi l-flagelazzjoni kienet issir biex il-ħati jiggiegħel jistqarr htijietu Drabi ohra kienet tkun hekk harxa u qalila li bosta drabi dawk li jgarrbuha jibqgħu taħtha.

L-għodod tas-swat kienu aktarx ikunu vireg irqaq ta' sigra ta' l-Ulmu, inkella cineg tal-gild li f'tarhom kienu jintrabtu qabda bocci jew bala zgħar tal-għadam u tac-comb mimlijin kollha ponot qishom irjus tax-xewk.

Il-Vanġelu ma jgħidilna xejn fuq il-għamla tas-salib ta' Ġesù. Għalhekk aħna ma nafux kienx dak li jixbah

l-ittra 'T' jew l-iehor li għandu mit-tlieta jew erba', waħda ta' tul il-għuda l-wieqfa mill-għuda l-minduda. Tertulljanu, Origene, San Pawlinu u San Glormu huma tal-fehma li s-salib ta' Gesùkien dak li aħna xebbahna fil-għamla ta' l-ittra kbira 'T'.

L-artist tal-Kurċifiss irid ikollu l-ħila li jagħti xbiea ta' bniedem u Alla f'daqqa; ta' bniedem tellief u Alla rebbieh, ta" gisem mbengel bis-swat li qala' u wicc li jixhed hlewwa u tjieba, ħniena u maħfra, qodos u kobor divin, ta' bniedem li minn rajh tgħabba bil-għajb u l-ħtijiet kollha ta' l-umanita' mħassra u midinba waqt li fl-istess hin baqa' Alla għax Bin Alla l-Ħaj, Alla tal-Ħaqq u l-Ħniena, tad-Dawl u s-Sewwa, Alla Feddej u mħabba mingħajr qies.

L-arti mhix riproduzzjoni imma interpretazzjoni tal-Verita'. Ix-xogħol tal-veru artisti hu li jrodd dak li hu minnu mhux biss 'kif inhu' imma wkoll jarah hu jew kif ikun iridu jidher. Dmir l-arti sagra hu li tagħti lix-xbiha materjali ruh u ħajja spiritwali. Biex Kurċifiss ikun tabilħaqq fis-sewwa dak li jmissu jkun jeħtieġ li f'hin wieħed isebbħu l-arti u tkebbsu u tqaddsu r-reliġjon.

It-Tempju ta' San Ġorġ sa mill-bidu tat-twaqqif tiegħu dejjem fic-centru storiku tar-Rabat kien minn dejjem il-kalamita tal-kult Nisrani. Hekk li minn din il-Bazilika mponenti l-gmiel nisigħa mal-medda tiegħu f'tempju artistiku u monumentali u minn hawn xtered kult lejn l-Ewkaristija, il-Madonna, San Ġorġ u lejn is-Salib Imqaddes.

Dwar il-Purcissjoni tal-Gimgħa l-Kbira f'din il-Parroċċa Veneranda ta' San Ġorġ hemm hjiel li diga kienet tezisti sa mis-sena 1788. Ta' min ikun jaf li l-eqdem purcissjoni tal-Gimgħa l-Kbira f'Għawdex hija tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Nafu zgur li fl-1809 kienet diga issir tant li nsibuha msemmija fil-Vizta Pastorali ta' l-Isqof Mattei, u kienet tiehu hsiebha l-Fratellanza ta' GesùMarija liema fratellanza hija mwaqqfa fl-1715.

Qabel il-Kurċifiss devot u artistiku ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi li tiegħu qegħdin nagħmlu festa-tifkira tar-restawr minn erba' artisti Naplitani kien hemm iehor li kien joħrog fil-purcissjoni devota u tradizzjonali tal-Gimgħa l-Kbira minn din il-Parroċċa. B'xorti tajba dan il-Kurċifiss għadu mhares b'għozza fostna u llum jinsab fil-kappella zgħira li tigi fis-sagristija tal-Kapitlu. Kif jgħarrafna Dun Ġużepp Zammit, wild il-Parroċċa ta' San Ġorġ, fid-Diario tiegħu manuskritt, dan il-Kurċifiss Mirakuluz kien jerfgħu sacerdot liebes suttana, spillizza u stola vjola fil-purcissjoni tal-Gimgħa l-Kbira ta' San Ġorġ. Fin-nuqqas ta' xita jew f'xi mixja tal-kolera n-nies tar-Rabat kienet tersaq titlob quddiem dan il-Kurċifiss.

Il-Kurċifiss li madwaru llum 15 ta' Novembru 1996 inġbarna biex wara l-Koncelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Isqof Mons. Nikol G. Cauchi jigi mbierek mill-isemmi Isqof Djocesan wara li gie restawrat minn Professur Naplitan huwa opra l-iktar artistika xogħol fl-injam ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi mill-Belt Valletta. Bil-ħidma għaqlija tad-Delegat tal-Kapitlu u l-Presbyterium tagħna Rev. Dr. Joseph Farrugia u Dun Ġorġ Frendo zewg sacerdoti żelanti mill-kleru ta' San Ġorġ wara ħafna konsultazzjonijiet u giri lejn Napli ngabu erba' restawraturi liissa lestew ir-restawr ta' l-istatwi tal-Kurċifiss u ta' San Ġorġ. Dawn iz-zewg statwi xogħol fl-injam ma' statwi oħra f'dan it-tempju monumentali jgħollu ħafna l-prestigju artistiku tal-Bazilika Kollegjata ta' San Ġorġ. Hawn ta' min ikun jaf li dan il-Kurċifiss sentejn oħra fl-1998 jagħlaq 150 sena fostna. Kien hadmu Azzopardi fis-sena 1848.

Dan il-Kurċifiss artistiku juri mument solenni tal-mewt ta' Ġesù. Għal dan il-Kurċifiss kien gabar certu Frangisk Schembri, Tad-Deredej, mir-Rabat li kellu l-ħanut ta' l-inbid fi Triq Providenza quddiem in-nicca tal-Madonna tar-Rummiena, tefa' ta' gebla bogħod mill-Bazilika ta' San Ġorġ. L-istess Frangisku Schembri kein gab dan il-Kurċifiss u qabel lill-istatwa artistika ta' San Ġorġ bid-dgħajsa tat-tagħbija tiegħu mix-xatt tal-Belt Valletta sax-xatt ta' Għawdex. Dan il-Kurċifiss kien sar fi zmien l-Arcipriet tar-Rabat l-Kan. Dr. Mikiel Frangisk Buttigieg D.D., fl-ewwel sena tal-Parrokat tiegħu. Dan il-Kurcifiss ta' kull sena joħrog fil-purcissjoni tradizzjonali u penitenzjali tal-Gimgħa l-Kbira mill-Bazilika Kollegjata ta' San Ġorġ.

Bil-ħidma tal-Vici Parroku tal-Parrocca ta' San Ġorġ Dun Vincenz Zammit u bil-kunsens ta' l-Isqof Mons. Giovanni Marija Camilleri OSA. Fis-sena 1893 fil-Parrocca ta' San Ġorġ kienet twaqqfet il-Fratellanza tas-Santissimu Kurcifiss bl-ewwel rettur tagħha Dun Vincenz Zammit.

Ic-cerimonja tal-Vestizoni ta' l-ewwel 35 fratell saret mill-Isqof Camilleri l-Hadd 15 ta' Otturbu 1893. Il-Fratellanza tal-Kurcifiss mexxiet l-ewwel darba l-purcissjoni tal-Gimgħa l-Kbira fis-sena 1894. B'diploma tas-6 ta' Frar 1932 din il-Fratellanza giet magħquda ma' dik Primarja mwaqqfa fil-Knisja ta' San Giovanni u San Pawl f'Ruma.

Sa mis-sena 1984 is-sena tar-Redenzjoni dan il-Kurcifiss beda jitpogga matul ir-Randan kollu fil-Kor fuq il-bradella tiegħu jħares lejn il-korsija tal-Bazilika għall-qima tal-fidili bil-"Vero Ligno"quddiemu mdawwar bil-ward u x-xema.

Bil-kelma tal-Poeta Nazzjonali Mons.Carmelo Psaila O Gesù Kurcifiss f'dan il-jum għaziz għalina fl-aħħar insellimlek;

Gesu', għall-fidwa tagħna
Int imsammar fuq salib
L-eħrex mewt għazilt biex turi
Illi int l-Akbar Ħabib.

Jekk imħabba mħabba titlob
B'liema mħabba sa nħallsuk?
Jekk bil-mewt ħallast għalina
Tal-mewt tiegħek x'sa nagħtuk?

Nagħtuk qalbna, qalb nadifa
Qalb imħegga ja ħabib
La biex tirbaħ imħabbitna
Temmejt ħajtek fuq salib.

# Is-sinjifikat tar-Restawr ta' l-Orgni tas-Settecento

■ *Diskors li* **DUN GEORGE J. FRENDO** *għamel fl-Akkademja Muziko-Letterarja fl-Okkazjoni ta' l-Inawgurazzjoni tal-Orgni tal-Bażilika, is-Sibt, 16 ta' Novembru, 1996*



Henjin għajnejkom li qegħdin jaraw
Henjin widnejkom li qegħdin jisimgħu

Tassew henjin aħna li qegħdin naraw
Tassew henjin aħna li qegħdin nisimgħu

Tassew henjin aħna li qegħdin hawn fejn nisthajjel tisma' thabbat il-qalb nisranija ta' pajjizna!
Tassew henjin aħna li qegħdin hawn fejn nisthajjel tara s-sema jmil u jitbewwes ma' l-art!

Iva, henjin, b'hena li ma hux daqstant facli jitlibbes l-gisem tal-kelma, għax hu hena imsieheb mas-sentiment profond uman u nisrani ta' gratitudni u ta' radd il-ħajr.

Inhoss li c-celebrazzjoni tal-lejla hi mgħonija b'sinjifikat specjali, biex ma ngħidx, storiku. U dan mhux biss għaliex wirt imprezzabli bhalma hu l-Orgni tas-Settecento, gie restawrat b'mod mill-aktar professjonali b'rispett shih lejn l-mekkanika, l-integrita' u l-kompletezza tas-sistema tiegħu, izda wkoll għaliex dan ir-restawr xjentifiku sar f'kuntest kulturali, li zgur li ma nizbaljax jekk insejjaħlu gdid.

Inhoss li qed jaqbad sew fostna l-apprezzament lejn ix-xogħolijiet ta' l-arti ta' valur li għandna: apprezzament li qiegħed jissarraf f'impenn serju sabiex dawn ix-xogħolijiet ta' l-arti, li lilna jidentifikawna bhala poplu li l-passat tiegħu jixhed għall-kwalitajiet ta' eccellenza kif jidher fl-għazliet li saru fl-imgħoddi rigward l-oggetti destinati għal kult sagru bhalma huma l-kwadri tal-Preti u ta' Zahra fost l-oħrajn, l-istatwi fl-injam ta' Farrugia u Azzopardi fost l-oħrajn, t-tradizzjoni muzikali antika u għanja li hi espressa fix-xogħolijiet ta' Mons Farrugia fost l-oħrajn; jibqgħu jkunu l-espressjoni tal-valuri tas-sbuhija, tal-perfezzjoni u tan-nobilta' ta' l-ispirtu uman u nisrani.

Ir-restawr ta' l-Orgni, fil-kuntest iktar wiesa' ta' restawr li diga sar u li jibqa jsir, ma kienx inizjattiva ta' wiehed, jew ta' xi uhud, izda tal-kommunita' shiha: il-kommunita' li dejjem kienet bhal dik l-istilla li ddawwal u turi t-triq. Tassew għandna għaliex inkunu henjin: għax dak li qegħdin niccelebraw llum hi l-affermazzjoni tal-primat tal-Perfezzjoni fuq l-medjokrita'.

Alla hekk jixraqlu; l-Liturgija Mqaddsa hekk jixirqilha; San Ġorġ hekk jixraqlu: għalhekk thabatna, għalhekk qegħdin nithabtu u għalhekk nibqgħu nithabtu.

Inkun nonqos mid-dmir ta' rikonoxxenza, jekk f'ismi personalment, f'isem Dun Ġużepp Farrugia u f'isem Dun Joseph Mercieca ma nsemmix bi gratitudini lill-benefattur kbir l-Kan. Maggur Dun Ġużepp Borg u flimkien miegħu l-għadd ta' benefatturi oħra, l-Mons Arcipriet, membri tal-Kapitlu u tal-Kleru u membri tal-Kommunita' Parrokkjali li bil-hidma volontarja tagħhom u bl-għotjiet generuzi tagħhom seta' jitwettaq dan il-progett ta' valur mhux biss artistiku u storiku, izda qabel xejn u fuq kollox, ta' l-akbar valur Liturgiku.

Tassew henjin għajnejna għax qegħdin jaraw!
Tassew henjin widnejna għax qegħdin jisimgħu!

Grazzi

# L-Orgni tas-Santucci

■ *Diskors li* **PATRI ĠORĠ AQUILINA** *għamel fl-Akkademja Muziko-Letterarja fl-Okkazjoni ta' l-Inawgurazzjoni tal-Orgni tal-Bażilika, is-Sibt, 16 ta' Novembru, 1996*



Dan it-tip ta' orgni li b'xorti tajba r-restawr tiegħu qed jiġi inawgurat illejla ġibed l-attenzjoni mhux biss tal-mużiċisti u ta' l-istoriċi, iżda wkoll tal-poplu in ġenerali. Għax barra l-valur ta' strument mużikali, għandu valur xejn anqas storiku u soċjali. Dan wassal biex twaqqfu kummissjonijiet nazzjonali għall-ħarsien ta' dan il-patrimonju. Hekk qed isir fl-Italja u bnadi oħra. Fi Sqallija, fid-Djoċesi ta' Caltagirone, sa ġie ppubblikat inventarju bl-isem ta' Arte organaria in Sicilia, miktub minn Luciano Buono, l-istess persuna li flimkien ma' studjużi oħra Maltin ħejjew xogħol simili dwar l-orgnijiet fil-Gżejjer tagħna, li hu ttamat li ma jdumx ma jkun fl-idejn.

Mill-orgnijiet antiki li fadal fil-Gżejjer tagħna, jew li dwarhom għandna d-dokumenti, nafu li dawn ġew minn Napli, Messina, Sirakuża u bnadi oħra. Jissemmew l-ismijiet De Martino, Del Piano, Valle', Rossi, Turiglio, Santucci, Manfre', Battaglia u oħrajn. Uħud inħadmu hawn minn imgħallmin barranin, għalkemm ma neskludux il-fatt li kien hawn xi Maltin imħarrġin f'din l-arti organara u pproduċew huma wkoll. Nafu, per eżempju, li Dun Ġużepp Baron fl-1615 ħadem fil-post orgni għall-Knisja ta' Ġieżu tal-Patrijiet Franġiskani tal-Belt Valletta.

Biex fil-qasir nidħlu għal dan l-orgni tagħna, ta' min jgħid li mill-aħħar kwart tas-seklu sbatax u tul is-seklu tmintax f'Malta ġew żewġ mastri organari li ssetiljaw fostna u ddominaw il-produzzjoni lokali b'uliedhom warajhom. Dawn huma Gaetano Turiglio minn Messina li wasal fostna ftit qabel it-terremot tal-1693, u Pietro Santucci minn Sirakuża mill-aħħar nofs tas-seklu tmintax.

Pietro Santucci milli jidher ġie fostna l-ewwel darba biex jagħti parir dwar l-orgnijiet ta' San Ġwann, u biex jagħmilha ta' organista fl-istess knisja tal-kavallieri. Milli jidher, Pietro Santucci, fl-1768, dar dawra sew mat-tlett orgnijiet li kien hemm fil-knisja konventwali, għax tal-pariri u ta' xogħlu tħallas 350 skud. Jidher li ġedded it-tnejn iż-żgħar fil-ġnub ta' l-altar maġġur. Jekk dawn saru mill-ġdid, mela nistgħu ngħidu li huma l-ewwel żewġ orgnijiet ta' Santucci f'Malta. Minn dan iż-mien ġil quddiem Pietru Santucci flimkien ma' wliedu ngħataw għall-bini mill-ġdid ta' għadd sabiħ ta' orgnijiet għall-knejjes tagħna. Wlied Gaetano Turiglio baqgħu l-organisti ta' San Ġwann, sakemm fl-1796 daħal Emmanuele Santucci li fit-talba tiegħu biex jieħu l-post stqarr li missieru Pietro aveva fabricato li due organi principali della medesima Chiesa maggiore.

Mid-dokumenti li ġew f'idejna s'issa nafu li Pietru Santucci għamel l-orgnijiet ta' San Ġwann li semmejna (1768), Ħal Għaxaq (1771), San Duminku tar-Rabat ta' Malta (1772), l-Isla (1780), San Ġorġ, Għawdex (1781), il-Ġilżwiti, Valletta (1783), u l-Oratorju tal-Kurċifiss, Valletta, li għamlu Emmanuele Santucci fl-1809.

L-ordni għal dawn l-orgnijiet kienet issir bi ftehim preċiż quddiem in-nutar. Dawn l-atti b'effett legali għal meta saru, huma għalina għejun ta' informazzjoni importanti. Minnhom nafu mhux biss id-daqs ta' l-istrument mużikali u l-prezz kemm sewa, iżda wkoll tagħrif ieħor.

Il-ftehim għal dan l-orgni tagħna sar quddiem in-nutar Pietro Vittore Giammalva fil-Belt Valletta nhar il-21 ta' Frar 1781. Pietro Santucci u ż-żewġ uliedu Emmanuele u Antonino qed jintrabtu u jwiegħdu lill-prokuratur Don Mikelanġ Cauchi, bi prokura transuntata fl-atti tan-nutar Francesco Cassar, u debitament awtorizzata minn Mons Ġużeppi Mifsud tal-Kolleġġjata, biex jintagħmel orgni skond l-arti u s-sengħa, u skond il-prospettiva li tagħha ġew ippreżentati żewġ disinni. Fil-kuntratt tingħata deskrizzjoni sħiħa tan-numru, kwalita' u effetti ta' kull reġistru, u dan għall-ħlas ta' ħames mitt skud. Tħallsu mitt skud mall-kuntratt, u l-bqija ta' erba' mitt skud kellhom jingħataw lil Santucci ħamsa u għoxrin skud kull tlett xhur, mija u ħamsin skud malli x-xogħol jitlesta u jiġi mqiegħed f'postu, u mitejn skud fi żmien sentejn, fl-għeluq ta' kull sena mill-inawgurazzjoni tiegħu, maħsuba għax-xahar ta' Novembru ta' l-istess sena 1781. Filwaqt li Pietro Santucci u wliedu jintrabtu li jagħmlu tajjeb għall-materjal u x-xogħol, il-prokuratur ta' San Ġorġ kellu jaħsbilhom fejn joqgħodu bla ħlas. Fost kundizzjonijiet oħra nsibu interessanti li Pietro Santucci wiegħed li jagħti mitt skud lil ibnu Emmanuele, li kien għadu kif iżżewweġ, bil-kundizzjoni li jekk Pietro kellu jiġi nieqes, Emmanuele kellu jagħmel tajjeb hu minfloku, u jlesti għal kollox dan l-orgni skond il-ftehim, li sar fil-preżenza ta' Dun Sidor Schembri bħala xhud.

Bħal kull orgni ieħor min jaf kemm-il tiswija w akkordatura saritlu. Interessanti li minn kuntratt ieħor quddiem in-nutar Mikelanġ Gatt tas-6 t'Awissu 1828 nafu li l-prokuratur, il-Kanonku Ġużeppi Grech, qabbad lill-aħwa Salvatore u Santo Battaglia, Sqallin minn Palermo, biex jagħmel xi tiswijiet u jżidulu venticinque canne nuove, u dan għall-ħlas ta' seba' u tmenin skud u nofs, f'muniti tal-fidda u r-ram.

Dan li għidna hu biss ħjiel ta' ġrajja twila u sabiħa li biha hu minsuġ dan it-tempju storiku u artistiku. L-orgni jibqa' dak l-istrument tal-Knisja li jgħinek ħalli terfa' ħsibijietek f'Alla.

# L-Orgni huwa strument tal-ħniena Divina ta' Alla

■ *Diskors li* **MONS. ARC. SALV BORG** *għamel fl-Akkademja Muziko-Letterarja fl-Okkazjoni ta' l-Inawgurazzjoni tal-Orgni tal-Bażilika, is-Sibt, 16 ta' Novembru, 1996*



Eċċellenza u Sinjura Mifsud Bonnici
Eċċellenza Rev.ma
Onor Segretarju Parlamentari għal Għawdex
Onorevoli Sinjuri,
Reverendi Sinjuri
Sinjuri

Fost l-oqsma kollha ta' l-arti, insibu minn ta' quddiem il-mużika. Il-mużika terfagħna 'il fuq lejn is-sema, twassalna f'oqsma misterjużi, tgħinna nesprimu l-affetti kollha tagħna, tissawwar ma' kull sentiment. Kull nota hija eku ta' l-armonija tas-smewwiet, ispirazzjoni, li tasal għandna minn orizzonti mhux magħrufa. U propju minħabba f'hekk hija dik l-arti li l-aktar tressaqna lejn is-Sema, hi l-aktar kapaċi li tkellimna dwar Alla, li twassal lil Alla l-innu ta' t-tifħir tagħna kif ukoll it-tnehid tal-miżerja tagħna.

Ir-Reliġjon li taħdem biex jintlaħaq dan ir-rapport bejn Alla Ħallieq u l-bniedem maħluq, u ssaħħaħ l-għaqda u r-rabta ta' bejniethom, ma setgħet qatt tittraskura li ssejjaħ għall-għajnuna tagħha lill-mużika; liema mużika, hekk kif terfagħna 'il fuq lejn Alla, tgħinna niggustaw fuq l-art xi ħjiel tal-kant ta' l-Anġli fl-immensita' tas-Smewwiet. Mela huma meħtieġ li titneħħa dik l-idea żbaljata li l-Orgni hu sempliċement ornament li nistgħu ngħaddu mingħajru. Tajjeb inżommu quddiem għajnejna li fil-melodiji ta' l-Orgni huwa Alla li jitkellem mar-ruħ, filwaqt li r-ruħ titkellem ma' Alla.

Il-Mużika tirrifletti l-infinit, li ma għandu xejn konkret u xejn determinat. Il-poeżija tikkonkretizza l-idea tal-kelma, il-pittura tikkonkretizza d-dawl fuq it-tila, l-iskultura hija l-arkitettura tal-forom ta' rħam u tal-ġebla, iżda l-armonija tad-daqq ma tistax tiġi konkretizzata; is-saltna tagħha hija infinita.

Il-Mużika hija oġġett divin, għaliex Alla huwa melodija eterna fost il-Persuni tat-Trinita' Qaddisa. Il-Mużika hija Divina għaliex hija l-eku ta' l-armonija universali, li tmexxi l-ħolqien. Il-Mużika hija Divina għaliex hija l-lingwaġġ tas-sema, u ma tistax ma turix 'l Alla lil bnedmin. Hija s-sirena li ssaħħar tal-knejjes tagħna, li tiġbed lejha b'dak il-leħen ta' imħabba lil maħbub tagħha, tiddetermina l-attenzjoni ta' min hu biered, filwaqt li tgħin il-bniedem jirrifletti aħjar id-destin tiegħu.

Huwa propju minħabba f'dan kollu li wieħed jara l-importanza tar-restawr li sar fuq l-Orgni settecentesk tal-bażilika tagħna. L-Orgni huwa strument tal-ħniena Divina ta' Alla. B'dan ir-restawr nistgħu ngħidu li aħna ikkoperajna għall-appostolat ta' l-erwieħ, għaliex fl-Orgni huwa Alla li jkellem lill-bniedem.

Il-Mużika hija lingwa universali, li permezz ta' seba' kelmiet jew aħjar permezz ta' seba' noti, tiġbor flimkien l-ilħna kollha tan-natura u tesprimi s-sentimenti indefiniti tar-ruħ. Hija tiġbor ġewwa fiha il-ħoss melliesi tan-nixxiegħa żgħira u t-tifqieħ ta' l-ilma li jitwaddab mill-għoli tal-kaskata. Fiha nsibu t-tisfira ħelwa taż-żiffa ħafifa mal-weraq u l-qasab tal-wied kif ukoll il-karba profonda tar-riħ jiġġiled ma' kull ma jsib quddiemu. Fiha nsibu t-tpespisa ċajtiera ta' amorin fil-gaġġa kif ukoll l-għajta ta' qilla ta' tigra feroċi li missewla l-frieħ tagħha. Insibu wkoll it-tnehida tan-niket u l-għajta tal-ferħ.

L-orgni jistedinna biex ningħaqdu miegħu u nwasslu quddiem is-Setgħani omaġġi ta' adorazzjoni, ta' radd il-ħajr, ta' talba, ta' imħabba u ta' maħfra.

Omaġġ ta' adorazzjoni billi ntennulu flimkien: Qaddis, Qaddis, Qaddis.

Omaġġ ta' Radd il-ħajr: ta' dak il-ġid kollu li Huwa tana.

Omaġġ ta' Talba: biex naqilgħu mingħandu dak kollu li għandna bżonn.

Omaġġ ta' Imħabba: minna l-maħbubin tiegħu

Omaġġ ta' Maħfra: għal dawk l-iżbalji kollha li nkunu wettaqna kontra tiegħu.

Għalhekk inħossuna ferħanin illum. Għaliex bir-restawr li sar, l-Orgni li sa mill-1781 paxxa lil kull min inġabar hawnhekk f'din il-Bażilika u għenu jisma' l-leħen ta' Alla, filwaqt li għenu jerfa' ħsebijietu lejn il-Ħallieq, permezz tax-xogħol intensiv li twettaq din missjoni ser tkompli titwettaq bi profit, li jiena ċert, ħadd minna ma hu kapaċi jkejjel.

Nixtieq nieħu din l-opportunita' li nrodd ħajr lilek Sur President u Sinjura Mifsud Bonnici talli għoġobkom tonorawna bil-preżenza tagħkom. Nirringrazzja wkoll lill-Eċċellenza tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, ta' l-inkoraġġiment li dejjem tana f'dan il-proġett ta' restawr, lill-Onor. Dr. Anton Refalo, Segretarju Parlamentari għal Għawdex tal-għajnuna kollha li tana, anke permezz tal-Kumitat tal-Kultura. Nirringrazzja wkoll lilkom li għoġobkom tiġu l-lejla għal din l-inawgurazzjoni u tberik tar-restawr tal-Orgni. Nixtieq nirringrazzja lil kull min għen f'dan ir-restawr. Iżda għalkemm ma nixtieqx insemmi nies b'isimhom, minħabba l-biża' li nista' ninsa' lil xi ħadd, inħossni li nkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lil Kan. Major Joseph A. Borg, il-Benefattur Ewlieni ta' dan ir-Restawr, kif ukoll lil Dun George Frendo, lil Dun Joseph Mercieca li ħareġ bl-idea ta' dan ir-restawr kif ukoll lil Dun Ġużepp Farrugia li flimkien stinkaw biex dan il-proġett ta' restawr u installazzjoni ta' l-orgni diġitali l-ġdid seta' jseħħ b'suċċess insuperabbli.

■ *Poeżija li* **L-W.REV. KAN. JOE MEJLAK** *qara waqt l-Akkademja Muziko-Letterarja nhar is-Sibt, 16 ta' Novembru, 1996*



## *Jubilate Deo!*

Madwarna, kullimkien, il-ħolqien kollu
ifaħħar il-Mulej, jagħnilu Ismu:
Ħarsu madwar w araw il-baħar ħlejju
jitliegħeb b'sabar kbir max-xtajta rieqda;
itfgħu 'l fuq ħarsitkom w hemmhekk tilmħu
sema kaħlani daqs in-nir, imdewwed,
miżgħud bi stilel sbieħ ipetptu, jnemmnu;
ilmħu għelieqi kbar ġewwa l-kampanja
mimlija ħdura, fjuri, twapet ħomor,
sofor u ta' kull lewn, seħer u għaxqa;
isimgħu ftit l-għasafar qalb is-siġar
jinsġu l-isbaħ u l-aqwa sinfonija;
muntanji 'l hawn u 'l hinn qishom iħirsa
miksija silġ bajdani daqs il-qoton
għassiesa, jindukraw il-ħolqien rieqed.

Din hija d-dinja tagħna, hekk minsuġa
mill-id setagħna t'Alla, l-Ħallieq tagħha;
u dana kollu jgħanni, jfaħħar b'saħħtu
Lil Min fl-imħabba nisġu bl-akbar għaqal.

Fuq dan il-ħolqien kollu x-xewqa t'Alla
kienet li jqiegħed bniedem biex isaltan
fuq siġar, fjur, għasafar, ħut u bhejjem
u 'l Alla jagħti gieħ, ifaħħar b'deh'nu;
u l-bniedem fost il-kbar għeġubijietu
ivvinta seba' noti sabiex bihom
jinseġ bħal ta' l-għasafar sinfonija
li tasal fil-widnejn bħall-għasel balzmu.

Il-lejla qed infakkru ġrajja kbira:
qegħdin ninawguraw l-Orgni tal-Knisja -
għaxqa mill-kbar ta' daw' l-Ġorġjani kollha.
Is-seba' noti jdoqqu għalenija
inissel fil-qalb tagħna armonija
u dan ifisser li bejnietna dejjem -
'il bogħod minn kull kulur u fehmiet oħra -
tinżera' fina l-għaqda, rabta sħiħa.
Jixraq, mela, flimkien, ilkoll qalb waħda,
imħarsa minn San Ġorġ, il-Patrun tagħna,
immexxijin min-noti ta' dan l-Orgni,
noti ħelwin li ftit nisimgħu bħalhom,
ngħollu leħinna 'l fuq 'il fuq lejn Alla
biex Lilu nagħtu ġieħ u Lilu nfaħħru.
U fl-istess waqt intennu l-isbaħ għanja
li tilgħab fuq xufftejna ma' dan l-Orgni
lill-Kbir Martri ta' Lidda, ĠORĠI tagħna!

## *Ħajr mill-ġdid*

Fil-ħarġa ta' Jannar-Frar 1997 tar-rivista ta' din ir-rivista konna diġa rringrazzjajna lill-benefatturi li bi flushom ikkontribwew għall-proġetti ta' restawr li sar fuq l-istatwi ta' San Ġorġ u l-Kurċifiss. Is-somma li kienet inġabret għal dan ir-restawr sa dak inhar kienet ta' Lm9753. Mill-bilanċ li kien fadal u kontribuzzjonijiet ġodda flimkien ma' flus li ħarġet il-knisja issa għamilna xogħol ta' restawr ukoll fuq l-istatwa ta' San Mikiel. Għalhekk mal-benefatturi msemmija nżidu mill-ġdid lill-Kan. N. Vella Apap, lis-Sinjuri J. Cini, J. Buhagiar, F. Attard u għadd ta' oħrajn li m'għandniex isimhom jew ma jixtiquhx jidher.

Ma' dawk li taw kontribuzzjonijiet finanzjarji rridu nroddu l-ħajr tagħna wkoll lil dawk li sehemhom tawh f'disponibilta' u ħidmiet ta' diversi tipi - xogħol li wettquh b'ħeġġa, fuq tul ta' żmien u xi daqqiet b'sakrifiċċji finanzjarji. Fost dawn insemmu lis-saċerdoti Dun Ġużepp Farrugia u Dun Ġorġ Frendo, lir-Rev. Prof. Don Ugo Dovere minn Napli, lis-Sinjuri Joseph Borg (ta' F.X.Borg Ltd), Anthony Xuereb u George Gauci, Ivan Galea, Anthony Zammit, Frank Mizzi, Gorġ Gauci, Tony Zammit, Joseph Sagona, George Borg, Victor J. Borg (tal-Gozo Garage), u għadd ta' saċerdoti u lajci oħrajn.

Aħna lil dawn kollha nirringrazzjawhom u jekk insemmuhom dan ma nagħmluhx biex nonfħuhom imma biex fil-gratitudni tal-parroċċa lejhom nipprezentaw il-ġest tagħhom bħala eżempju għalina lkoll - eżempju li kulħadd jista' jimita skond kif jista' u skond il-mezzi jew it-talenti li għandu Għandna niftakru dejjem li l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ taf kulma għandha, inkluż l-istess bini tagħha, lill-benefatturi li ħabbewha u li fiha sabu l-għajnuniet kollha meħtieġa fil-ħajja tagħhom Nisranija.

# L-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria, Għawdex

■ *Diskors li* **DR EUGENE MONTANARO** *għamel waqt l-Akkademja Muziko-Letterarja nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru, 1996*



Kull tempju ta' kobor storiku jew siwi artistiku, għandu fih innifsu xi ħaġa li hi tiegħu waħdu, li tagħtih sura u bixra għalih u tagħżlu minn kull tempju ieħor. Neħħilu din il-bixra tiegħu u xebbhu ma' tempji oħra, u inti tkun ħadtlu l-jedd li jissemma' b'ismu, tkun ħbejtu u sraqtlu s-seħer individwali tiegħu.

Fl-imgħoddi, bosta viżitaturi barranin kitbu b'ħeġġa mqanqla dwar il-bixra individwali ta' dan it-tempju. Ngħidu aħna fl-1830, Giuseppe Pericciuoli Bornesi minn Siena, ħeġġeġ barranin oħra sabiex iżuru l-Bażilika ta' San Ġorġ u jammiraw il-kwadri artistiċi li jżejnu l-artali tagħha.

Niltaqgħu ma' aktar ġieħ fil-kitba ta' Achille Ferres: "La Chiesa di San Giorgio adorna di pitture eccellenti." U tabilħaqq Ferres ma setax jikteb xort'oħra għaliex tul il-mixja ta' sekli sħaħ, lil dan it-tempju żejnuh bi kwadri ta' Mattia Preti, Francesco Zahra, Giuseppe d'Arena, Alessio Erardi, Attilio Palombi u Giuseppe Calì: artisti li lkoll ħallew it-timbru tagħhom fl-iżvilupp tal-Ġrajja ta' l-Arti fil-gżejjer tagħna.

Imma tul il-medda tas-seklu dsatax din il-Bażilika u Arċi-Matriċi stagħniet ukoll b'xogħlijiet ta' skultura fl-injam, żvilupp li mhux biss kompla jsaħħaħ il-bixra individwali ta' dan it-tempju, iżda li ssarraf f'punt ta' riferiment ewlieni għal bosta parroċċi oħra fil-gżira ta' Għawdex. F'dan il-kuntest, jeħtieġ infakkru l-vara ta' Ġesù u Marija, imnaqqxa fl-injam minn Sigismondo Dimech fl-1810, u ż-żewġ xogħlijiet ewlenin fl-injam ta' l-iskultur Pietro Paolo Azzopardi, jiġifieri l-istatwa titulari ta' San Ġorġ u x-xbieha devota tal-Kurċifiss.

Fil-kuntest ta' l-iżvilupp tal-Ġrajja ta' l-Iskultura fl-Ewropa, is-seklu dsatax baqa' imsemmi l-aktar għal bosta monumenti pubbliċi u funerarji fil-bronż u fl-irħam. L-eroj, l-għonja, il-kbarat u l-ħaddiema lkoll xtaqu li jibqgħu mfakkrin wara mewthom permezz ta' monumenti skultorji. Il-ħeġġa għal din ix-xeħta ta' skultura inħasset f'Malta wkoll: biżżejjed infakkru l-



monument ta' Sir Alexander Ball fil-Barrakka t'Isfel, u dak ta' Sir Joseph Nicholas Zammit fil-Barrakka ta' Fuq, fil-Belt Valletta.

Madankollu, fil-gżejjer tagħna, l-ewwel nofs tas-seklu dsatax kien tabilħaqq perijodu tad-deheb fil-qasam ta' l-Iskultura tax-xbihat fl-injam. Għaċ-ċokon tal-gżejjer tagħna, l-għadd ta' skulturi Maltin li wrew ħila mhux tas-soltu fis-sengħa tat-tinqix fl-injam, kien tassew kbir. Is-seklu dsatax fetaħ bil-ħidma ta' Mariano Gerada u Vincenzo Dimech. Warajhom kien hemm Pietro Paolo Azzopardi, Allessandro Farrugia u Salvatore Psaila. Imma lanqas ma rridu ninsew lill-iskulturi Antioni Chircop, Salvatore Dimech u Vincenzo Bonnici, li għexu u ħadmu matul l-istess seklu.

B'ħarsa iżjed sistematika, nistgħu ngħidu wkoll li l-kultura komuni tal-poplu tagħna baqgħet tgħaqqad flimkien f'katina waħda, l-Identità Nazzjonali, l-Arti u r-Reliġjon. Il-poplu kien baqà magħqud b'fehma waħda fir-rigward tal-Fidi Nisranija tiegħu, u dan mhux bi ħtija ta' faqar jew injoranza. Il-biċċa l-kbira tal-kleru Malti u Għawdxi ma kienx jgħix ħajja wisq aħjar mill-bqija tal-poplu. Il-knejjes tagħna, dak iż-żmien, bħal-lum, ġew mogħnija b'opri artistiċi u statwi, iżda l-aktar permezz ta' għotjiet tassew żgħar ta' ħabbiet minn fost il-poplu. U dan kollu issarraf f'xejra ta' patrunaġġ ta' l-Arti tassew singolari. Irridu ngħidu b'dan, illi dawk li ħadmu u kienu l-aktar ġenerużi ma' l-iskulturi Maltin kienu sewwasew ulied il-poplu.

Fin-nofs ta' dan ix-xenarju kollu, sewwasew fl-1839, Pietro Paolo Azzopardi naqqax ix-xbieha

majestusa ta' San Ġorġ minn zokk iebes ta' siġra tal-frott. Imbagħad, il-LIBRO ESITO tal-Parroċċa għas-snin 1817 - 1844, jagħtina ħjiel li hu reġa' tqabbad sabiex jagħmel xogħol ta' rtokk fuq l-istatwa, għaliex il-ħlas li hu rċieva fil-25 ta' Ottubru ta' l-1840, ingħatalu "per aver accomodato la statua di San Giorgio".

Pietro Paolo Azzopardi twieled fil-Belt Valletta fis-sena 1791. Hu beda l-ħajja artistika tiegħu bħala apprendist fil-bottega ta' Mariano Gerada. L-istoriku Castagna jgħarrafna li għal xi żmien Azzopardi kien skultur "fl-impieg tar-Re ta' Napli Ferdinando t-Tieni." Nafu tajjeb li fit-22 ta' April ta' l-1822, hu ffirma prokura fejn għażel bħala prokuratur tiegħu f'Malta lil ċertu Lorenzo Bezzina minn Bormla. Il-prokura ġiet transuntata fl-atti tan-Nutar Calcedonio Battajille, u x-xejra ta' l-istruzzjonijiet u l-irqaqat miġburin fiha, jagħtuna x'nifhmu li Azzopardi tabilħaqq għadda xi snin ta' żgħożitu barra minn art twelidu.

X'inhuma l-elementi li jagħmlu mill-istatwa ta' San Ġorġ xbiha skultorja li tabilħaqq tisthoqq li nagħtuha attenzjoni u valur?Wieħed jibda biex jgħid li hawnhekk għandna biċċa skultura li fiha nnifisha tirrifletti t-temperament u l-personalità rrepetibbli ta' skultur Malti li mhux biss għamel isem fost in-nies ta' żmienu, iżda baqa' msemmi għal ġenjalità artistika tiegħu sa fi żmienna stess. Hawnhekk, mela għandna opra li tibqa' tingħad dejjem bħala frott tal-ġenju artistiku Malti.

Mhux biss; bħal bosta skulturi Ewropej ewlenin ta' żmienu, Azzopardi kien issaħħar wara l-iskultura antika Griega: fi kliem ieħor, hu kien miġbud lejn l-arti Neo-Klassika. U dan fi żmien meta l-poplu tagħna kien għadu jixxennaq għall-arti tal-Barokk. Imma hu wera l-personalià qawwija tiegħu u xeħet sfida, u għamel li, sa fejn jista', ma joħloqx forom mibrumim u mimlijin azzjoni teatrali. Għall-kuntrarju, il-figuri skultorji tiegħu x'aktarx jesprimu dejjem qagħdiet u sentimenti ta' rpos u serenità.

L-istatwa ta' San Ġorġ hi tabilħaqq xhieda istruttiva ta' dawn ix-xejriet fl-Arti ta' Azzopardi. Jixraq l-ewwelnett infakkru l-vena immaġinattiva li ispirat dan ix-xogħol. L-ikonografija ta' San Ġorġ hi tassew waħda bla tarf. Iżda Azzopardi ma iggranfax ma' mudell jew disinn imfassal minn artist ieħor ta' l-imgħoddi. Hu naqqax xbieha oriġinali ta' siwi artistiku.

Ngħidu wkoll li f'dan ix-xogħol, hu baqa' fidil lejn il-ġibdiet u t-twemmin artisiku tiegħu, u warrab fil-ġenb ċerti stili li barra minn pajjiżu kienu magħduda antikwati. Fix-xbieha għażiża li ħallielna, hu rnexxielu joħloq bilanċ tassew estetiku bejn idejaliżmu u rejaliżmu, moviment u serħan. F'din il-figura arjuża, iżda devota, ta' Tribun Ruman,il-ġenjalità artistika ta' Azzopardi laqqgħet flimkien dehra dinjituża ta' żagħżugħ qalbieni mal-ġmiel ideali ta' l-Arti Neo-Klassika. Imma jixraq infakkru wkoll il-virtwożità ta' l-artist, ngħidu aħna, fit-tinqix tal-piegi tat-tunika tal-qaddis, xogħol li jirrifletti l-ogħla ħila ta' skultur imfarrak sew fis-sengħa tiegħu.

L-iskultur Pietro Paolo Azzopardi kien protagonist magħruf sew fix-xena artistika lokali. Milli jidher, minn jeddu, hu aċċetta d-dmir li jkun attur ħerqan fil-kumpless soċjlai tas-seklu dsatax, u mhux biss osservatur imbiegħed u passiv. Il-qagħda politika u ekonomika tal-gżejjer tagħna, kienet tinsab tassew imwiegħra. Azzopardi kien imsieħeb bħala membru fil-CORPO DELLE BELLE ARTI E DISEGNO, u fl-1836, hu kien minn ta' quddiem nett fost dawk l-artisti imseħbin f'dik il-għaqda, li għażlu lil Nicola Cachia u Pietro Paolo Caruana sabiex jirrappreżentawhom fil-CONSIGLIO POPOLARE, xirka li kellha l-għan li ttejjeb il-qagħda tal-Maltin.

Imma mhux qed infakkru dawn il-ġrajjiet imbiegħda bil-għan li ntawlu t-taħdita tagħna. Ix-xogħol estensiv ta' restawr li għadu kif intemm, kixef il-firma ta' Pietro Paolo Azzopardi fil-qiegħ tal-bażi ta' l-istatwa ta' San Ġorġ. Azzopardi nnifsu, mela, għoġbu jżejjen 'il dik ix-xbieha b'tifkira dejjiema tal-prestiġju tal-personalità tiegħu. U quddiem dik l-istatwa, aħna ma nistgħu ninsabu qatt mitlufin f'limbu ta' anonimità . Għaliex għandna tabilħaqq tagħrif sod u dokumentat dwar l-identità u l-personalità ta' l-artist li taha l-ħajja, dwar id-dehen artistiku ta' l-id Maltija li ħadmitha.

Fis-sena 1903, l-istatwa ta' San Ġorġ ġiet impittra mill-ġdid minn Giuseppe Calì , ġrajja li kompliet isaħħaħ il-preġju artistiku ta' l-istess statwa. Il-ħila pittorika tal-Calì tispikka sewwa fit-tqassim u l-armonija tal-kuluri li jagħtu ħajja u naturalezza lill-istatwa ta' San Ġorġ.

Minbarra dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura estetika, xieraq infakkru wkoll li l-istatwa ta' San Ġorġ issa ilha fostna għal madwar 157 sena. Mhux biss; hu fatt dokumentat li hawnhekk għandna l-eqdem statwa titulari li qatt inħarġet f'purċissjoni fit-toroq tal-belt kapitali ta' Għawdex. Insemmu biss li skond il-kotba tal-kontijiet tal-Bażilika, fit-23 ta' April ta' l-1845, tħallset is-somma ta' sebgħa skudi lill-"portanti della statua di San Giorgio."

L-istorja ta' kull poplu tiġbor fiha xhieda ta' dak li jħoss u jaħseb. Xhieda kbira ta' dak li jħoss il-bniedem fl-aħjar mumenti tiegħu hija l-Arti li biha hu jżomm ħajja għal dejjem il-ġmiel, id-dehra sabiħa li tqanqlu. Ma ninsewx li San Ġorġ hu l-Qaddis Patrun ta' Għawdex. X'hemm aktar naturali, mela, milli fil-ħin tan-niket, fil-ħin tal-periklu, l-Għawdxin iduru jitolbu l-interċessjoni u l-ħarsien ta' San Ġorġ. U l-istatwa ta' San Ġorġ tiegħu sura ta' emblema, ta' stendard ta' kburija storika, ta' simbolu fejjiedi għall-ġejjieni. Imma jekk inwarrbu dan kollu minn quddiem għajnejna, aħna qatt ma nistgħu napprezzaw sew għal kollox, u nifhmu kif għandha tkun mifhuma l-istatwa ta' San Ġorġ, jiġifieri bħala espressjoni l-aktar sabiħa u sinċiera tas-sentiment reliġjuż tal-poplu ta' Għawdex. ■

■ *Diskors li*

**DUN ĠUŻEPP FARRUGIA**

*għamel waqt l-Akkademja Muziko-Letterarja nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru, 1996*



*Imsawba l-ħlewwa fuq xofftejk, għalhekk bierkek Alla għal dejjem.* Salm 45,2.

Imsawba, iva, Ġorġi, il-ħlewwa fuq xofftejk! Il-ħlewwa tal-Kelma Divina li ssawbet f'qalbek u ħarġet minn fommok b'xhieda ta' l-Awtur tagħha - u Feddej tiegħek!

Għax, tassew, il-ħlewwa tiegħek, is-sbuħija tiegħek, il-ġmiel tiegħek, San Ġorġ, huma frott il-Kelma Divina li riditek, għamlitek, ħelsitek mit-tbajja' u mill-irbit oriġinali, qaddsitek fil-ħajja, qawwietek fil-martirju u glorifikatek fil-ġenna.

Imsawba l-ħlewwa fuq xofftejk, għax taw xofftejk xhieda eżaltanti u inkrollabbli għall-Vanġelu ta' Sidna Ġesù Kristu u għall-imħabba fidwija tiegħu.

Imma mhux minn xofftejk biss ħarġet ix-xhieda tiegħek. L-istess xhieda tatha l-imġiba tiegħek matul ħajtek u fuq kollox fil-mumenti tqal tal-martirju tiegħek.

Imsawba, tabilħaqq, il-ħlewwa fuq xofftejk:
għalhekk bierkek Alla għal dejjem!

Bierkek bl-ewwel don tal-ħajja umana, imma bierkek aktar bit-Tieni Grazzja tal-ħajja divina.

Bierkek bin-nobbilta' ta' nislek, imma bierkek aktar bit-tnissil il-ġdid skond il-qdusija tas-Sid Divin tiegħek - u tagħna.

Bierkek bl-għana kotran tal-ġid ta' l-art, imma bierkek aktar bil-faqar ta' l-ispirtu li fetaħlek il-bibien għat-teżori dejjiema tas-saltna.

Bierkek bis-saħħa u fil-ħila tal-ġisem, imma bierkek aktar bil-qawwa tas-sabar li tagħtek ir-rebħa tal-martirju u l-kuruna tal-glorja.

Bierkek, iva, bis-sbuħija tal-bixra tiegħek f'għajnejn is-slaten u l-bnedmin, imma bierkek aktar meta libbsek il-ġmiel tal-ġenna.

Iva, bierkek, San Ġorġ, Alla l-Imbierek; u fik Alla bierek lilna. Imbierka aħna b'ismek! Imbierka aħna bis-setgħa ta' drieghek! Imbierka aħna bil-glorja tal-ġmiel tiegħek: ġmiel li tarah qalbna, ġmiel li tħossu r-ruħ Nisranija tagħna, ġmiel li jinsab fostna - f'nofs it-tempju tagħna.

X'għamilna aħna biex stħaqqilna li mhux biss inħossu spiritwalment il-preżenza glorjuża tiegħek, imma li, ukoll, narawk b'għajnejna u - qiesna ġa fil-ġenna - nitgħaxxqu bid-dehra tiegħek!!

Niżżu ħajr lil min ħolmok, San Ġorġ, u ried jarak... għax qegħdin narawk miegħu!

Niżżu ħajr lil min qabad f'idejh l-iskalpell u b'sengħa mirfuda mill-imħabba kurjuża ta' min jixtieq jogħxa bix-xbieha ta' mħabbtu ħelsek u ħarġek miz-zokk tas-siġra Maltija li kien qiegħed jostrok!

Niżżu ħajr lil min ġabek fostna, lil min laqgħek f'isimna, lil min poġġiek ġo dat-tempju tagħna, lil min rebħek għalina.

"Giorgio e' nostro!" - kanta fuq 100 sena ilu Mons Giuseppe Farrugia li tant ħabbek. "Giorgio e' nostro! Lo dicono gli avi, l'ara, il tempio, i ricordi soavi."

"Ġorġi tagħna! - għadna nkantaw aħna ma' Patri Akkursju Xerri li dawn il-kelmiet sensilhom f'innu popolari li daħal f'qalbna. Ġorġi hu tagħna! Tagħna b'għotja. Tagħna b'rebħa. Tagħna b'wirt.

Wirt spiritwali li rridu ngħożżuh - u għahekk, ħuti, hu meħtieġ li lil San Ġorġ insiru aktar nafuh ħalli aktar ikollna għax inħobbuh.

Wirt storiku li rridu niskopruh - u għalhekk jeħtieġ li nitgħallmu aktar fuq kif ġie fostna, x'kien ifisser għal missirijietna u xi grazzji kbar qalgħalna u għadu jaqlgħalna ħalli nagħarfu nroddu ħajr lil Alla, għad-don tiegħu, kif jixraq.

Wirt artistiku li rridu nħarsuh - u kien minħabba f'dan li fi ħdan il-Komunita' Parrokkjali tagħna nħasset il-ħtieġa li naraw x'għandna nagħmlu biex dan il-wirt artistiku u kultwali niggarantuh għal uliedna.

U hawnhekk ma nistax nonqos li minn qalbi nrodd ħajr lis-sinjuri Francesco u Doris Mizzi għall-inizjattiva li tnisslet f'imħabbithom biex l-istatwa ta' San Ġorġ nirrestawrawha. Iva, inroddilhom ħajr għall-inizjattiva li ħadu u għall-ġenerożita' li taw prova tagħha fid-donazzjoni li għamlu sabiex dan ir-restawr seta' jsir.

Dan ir-restawr aħna għamilnih: Għamilnih b'umilta' u mhux b'arroganza, b'kompetenza u mhux b'dilettantiżmu, b'kultura u apertura u mhux fis-satra tal-beżżiegħa, b'eċċellenza u mhux b'medjokrita'. Għax aħna ta' San Ġorġ hekk naħsbu, hekk nafu nagħmlu u dan biss jikkuntentana. U San Ġorġ hekk jixraqlu.

Tabilħaqq, ħajr lis-sinjuri li semmejt u ħajr ukoll, u bl-ebda mod inqas, lil bosta oħrajn minn fostna u mill-art barranija li taw il-kontribut insostitwibbli tagħhom sabiex dan ir-restawr seta' jsir u jsir kif sar!

Wirt artistiku kbir, iva, hija l-istatwa ta' San Ġorġ. Ħarsu lejh: il-bniedem ideali li jinsab fuq l-art imma li jappartjeni lis-sema, linji li jeżaltaw is-sbuħija tal-figura umana imma li jikkomunikaw ukoll il-ġmiel spiritwali tal-qaddisin, bixra li titkellem fuq il-kobor tar-rebħa imma li fl-istess waqt tixhed l-umilta' fil-ħarsa li tqim it-Tron tas-Sema u tirrifletti r-ruħ li qed tgawdi ġa minn fuq l-art il-ferħ tal-ġenna.

Wirt artistiku... imma wkoll wirt kulturali kbir hija l-istatwa ta' San Ġorġ. Għax bil-miġja tagħha fostna hija tat bidu għal kultura ġdida fil-gżira tagħna: dik ta' l-istatwi titulari proċessjonali f'Għawdex.

L-istatwa ta' San Ġorġ ilha fostna sa minn qabel nofs is-seklu li għadda. Ilha fostna mill-inqas 157 sena. l d-dehra tagħha fuq artna u fil-belt tagħna ma kinitx rifless u konsegwenza ta' xi kultura stabbilita' f'din il-gżira. Kienet hi li tat bidu għall-kultura l-ġdida ta' l-istatwi titulari fil-purċissjonijiet tagħna. Kienet l-istatwa ta' San Ġorġ l-ewwel statwa titulari f'Għawdex li ispirat fil-parroċċi kollha ta' Għawdex ix-xewqa li jkollhom huma wkoll l-istatwa rispettiva tagħhom.

U wirt spiritwali kbir, ukoll, hija l-istatwa ta' San Ġorġ għalina. Għax jekk missirijietna laqgħuha fosthom, dan għamluh mhux biss għax stagħġbu bi ġmielha imma għax lil min raw fiha kienu diġa' jafuh!

Berkuk, San Ġorġ, dak inhar li rawk għall-ewwel darba missirijietna!

Inberkuk aħna li qed ingawduk bħala d-don ta' Alla lilna u l-wirt ta' missirijietna!

U nitolbu li jberkuk uliedna u wlied uliedna!

U fil-barka ta' radd il-ħajr li għamlu missirijietna, li qed nagħmlu aħna u nitolbu li jagħmlu wlieda, ħa jbierkek, San Ġorġ, Alla, għal dejjem!

Iva, San Ġorġ, imsawba l-ħlewwa fuq xofftejk, għalhekk bierkek Alla għal dejjem! ■

■ *Diskors li* **Mons Arċipriet SALV BORG** *għamel waqt l-Akkademja Muziko-Letterarja nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru, 1996*



Sua Eminenza Cardinale Paul Augustus Mayer,
Onor. Membri Parlamentari,
Eccellenza Dr. Alexander Cachia Zammit, Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede
W.Rev. Mons. Emm. Mercieca Arcipriet Emeritus,
Rev. Sinjuri,
Sinjuri.

Fis-Sinodu ta' Għawdex, fil-Kapitlu li jittratta is-"Sens Nisrani tal-Festi" insibu li *"il-Festa hija waħda mill-espressjonijiet ta' l-ispirtu komunitarju tal-bniedem. Fir-reliġjonijiet kollha, il-festa hija element essenzjali tal-kult. Bil-festa, il-poplu jiċċelebra bil-ferħ il-ġrajjiet tal-ħajja tal-qaddisin, jiżżi ħajr lil Alla, u jitlob xi grazzji. (cfr. Nru. 821).*

L-istess Sinodu jsemmi wkoll li l-festa għandha fundament bibliku. Difatti anke fit-Testment il-Qadim jissemmew diversi festi tal-Poplu ta' Alla. Għalhekk il-Knisja waqqfet il-festi mżewwqa b'manifestazzjonijiet esterjuri u popolari fil-kalendarju liturġiku.

Matul is-sena għandu jingħata post xieraq għat-tifkira tal-Martri u tal-Qaddisin kollha, li laħqu l-perfezzjoni bil-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, u li qegħdin fis-sema jfaħħru lil Alla u jidħlu għalina quddiemu. F'dawn il-festi wieħed jinnota li hemm ħafna affarijiet li jgħinuna nersqu iżjed lejn il-qaddisin. Fost dawn l-affarijiet wieħed isib minn ta' quddiem l-istatwi. Il-Figura tal-Qaddis tgħinna nieqfu ftit u naħsbu, tgħinna nirriflettu, tgħinna nsaħħu l-irbit ta' imħabba li aħna għandna mal-Qaddis Patrun.

Meta minn idejn l-iskultur malti Pietru Pawl Azzopardi ħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ in-nies ta' dak iż-żmien baqgħu msaħħra. Iz-zokk ta' siġra deher donnu jieħu l-ħajja, jitlef surtu biex tinħoloq xbieha ġdida li tpaxxi il-għajn. U tfaċċat il-figura maestuża ta' Ġorġi tagħna. Statwa tkellmek fis-skiet tagħha; statwa ssaħħrek bi ġmielha; statwa li ġibdet l-għira ta' min xtaqha u qatt ma akkwistaha.

F'din l-istatwa, Mastru Pietru Pawl Azzopardi, irnexxielu jdewwaqna xi ftit mis-sbuħija tal-ġenna li qed igawdi San Ġorġ. Irnexxielu jurina li l-premju tas-Sema ma nkisibx minn San Ġorġ bix-xejn, iżda bit-tbatija, fi ġlieda tremenda mal-qawwa tal-ħażen, mirbuħa minn nisrani suldat, li warrab il-ġid tad-dinja biex jimxi wara Kristu. F'kelma waħda l-istatwa ta' San Ġorġ hija messaġġ twil ta' tagħlimiet li jgħoddu għalina immensament.

Iż-żmien jgħaddi u l-mixja tiegħu tħalli l-effett fuq kollox u fuq kulħadd. Jitmermer il-ġebel, u jittiekel l-irħam, jisfumaw l-ilwien minn fuq it-tila. Dan l-istess żmien għadda ukoll minn fuq dawn it-teżori tal-Parroċċa tagħna. Għalhekk, bħalma missirijietna, kollhom kburin rregalaw lil din il-Parroċċa dawn iż-żewġ kapolavuri, aħna, ulied dawn il-missierijiet, ħassejna d-dmir li nirrestawrawhom, nagħtuhom il-ġmiel tal-bidu, u kollna kburin ngħadduhom lil uliedna u ulied uliedna. J'alla li il-messaġġi li twasslu lilna b'dawn iż-żewġ teżori jkomplu jitwasslu lilhom u anke huma jħossuhom fid-dmir li jieħdu ħsiebhom u jikkurawhom.

Irrid nieħu din l-okkażjoni sabiex inrodd ħajr lil Eminenza Tiegħu l-Kardinal Paul Augustine Mayer li fi ftit jiem li kien baqa' laqa' l-istedina li saritlu. Grazie Eminenza per la Sua partecipazione in queste feste commemorative per il restauro fatto in questa Basilica.

Nirringrazzja ukoll lil Onor. Dr. Anton Refalo, Segretarju Parlamentari għal Għawdex, tal-għajnuna kollha li tana. Ringrazzjament ieħor imur lil ex-Sindku, l-Onor. Victor Galea Pace u l-membri kollha tal-Kunsill Lokali tar-Rabat tal-għotja li tawna b'risq dawn l-attivitajiet kollha li qed isiru.

Nirringrazzja wkoll lil Rev. Dr. Joseph Farrugia, is-saċerdot inkarigat mill-kapitlu u l-Presbyterium mill-proġett tar-Restawr li saru fil-Bażilika, kif ukoll lil Dun George Frendo tal-ħidma kollha li huma wettqu. Fl-aħħar imma mhux l-inqas lis-Sur u Sinjura Francis u Doris Mizzi, li daħlu weħidhom għall-ispiża tar-Restawr ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ u b'hekk taw bidu għal fondi oħra biex setgħa jiġi restawrat ukoll il-Kurċifiss.

Mill-ġdid grazzi lil kulħadd.

## Diskors li għamel DUN ĠUŻEPP FARRUGIA waqt il-Quddiesa Pontifikali ċċelebrata mill-Em. T. il-Kardinal P. Mayer il-Ħadd 24 ta' Novembru '96

*Gloria et honore coronasti eum, Domine! Bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu, Mulej! (Ps.8,5)*

Kelmiet is-Salmista, dawn, ħuti, li b'umilta', imma b'xerqa, intennihom għax hu l-istess Spirtu Divin li nebbaħ lilu li qegħdhom fuq fomm il-Knisja biex b'ferħ tistqarrhom, ixxandarhom u tgħannihom.

Iva, gloria et honore coronasti eum, Domine! Bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu!

Tabilħaqq, mhuwiex kliemi dan. Huma kelmiet l-Ispirtu S-Santu kif imniżżel fil-Kotba Mqaddsa, eżattament fil-Ktieb tas-Salmi. Mhux jiena sensilthom. M'hux jiena ngħidhom. Sensilhom l-Ispirtu s-Santu u tgħidhom il-Knisja li llum hi l-portatriċi u r-rivelatriċi tal-Ħsieb Divin tiegħu.

U intom tafu, ħuti, f'ġieħ min illum qed nisimgħuha ttennihom! Min jista' jiddubita!

Iva, ħuti, b'dawn il-kelmiet tgħolli l-għanja tat-tifħir tagħha l-Knisja għat-tifkira tal-Glorjuż Martri San Ġorġ. Thares lejn San Ġorġ il-Knisja, u timtela' bil-għaġeb għall-ġmiel tiegħu, tissaħħar bil-glorja tiegħu u tkanta: Gloria et honore coronasti eum, Domine! Bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu lil Ġorġi, Mulej!

Żejjintu bid-don tal-ħajja li, għar-rieda tiegħek, Mulej, San Ġorġ irċieva fit-tnissil u t-twelid tiegħu madwar 1700 sena ilu fl-art tal-Kappadoċja, u hekk dehret fih il-ħajja fil-ġmiel imwiegħed tagħha.

Żejjintu bil-ħasil tat-twelid ġdid li, għall-ħniena tiegħek, Ġorġi rċieva skond il-Fidi u l-Ispirtu biex hekk tnisslet fih il-ħajja fil-ġmiel imġedded tagħha.

Żejjintu bit-tisħiħ tal-Grazzja li, għall-fedelta' tiegħek, Ġorġi rċieva fi ħdan il-Knisja tiegħek, Grazzja li għamlet minnu dixxiplu ubbidjenti tiegħek, xhud leali tiegħek u suldat indomitabbli tal-Vanġelu tiegħek u hekk dehret fih il-qawwa tiegħek fil-ġmiel dejjem sorprendenti tagħha.

Żejjintu bil-qawwa ta' l-imħabba li, bil-ġenerożita' tiegħek, saħħitu fit-tbatija, sostnietu fil-passjoni u ispiratu fil-mumenti iebsa imma eżaltanti tal-martirju tiegħu, u hekk xandart fih il-ġmiel ta' l-attrattiva tiegħek.

Żejjintu bis-sebħ tal-glorja li, inti Mulej, ridtha tiddi quddiem l-għedewwa tiegħu u tiegħek, fil-mewt glorjuża li ġarrab.

U fuq kollox, żejjintu bil-ġmiel tas-sema meta, għall-imħabba bla tarf tiegħek, skond l-għerf inskrutabbli tiegħek u b'eżempju tas-setgħa inkonfinabbli tiegħek, ridtu bil-glorja tiegħu jżejjen hu nnifsu l-art.

Iva! San Ġorġ żejjen bil-ġmiel tiegħu l-art. U aħna mżejnin b'dan il-ġmiel.

Aħna mżejnin bil-ġmiel ta' Ismu: Isem imtajjar ma' l-istendard rebbieħ li wiret bil-mewt glorjuża tiegħu u li tul iż-żminijiet żejjen saltniet u ġnus. Isem li mela b'qawwa barranija r-ruħ mifnija tal-gwerriera miġruħa fl-eqqel waqtiet tat-taqbidiet għas-sewwa. Isem li jixgħel qlub l-Insara bil-ħrara għall-virtujiet tas-sema. Isem ta' glorja li ntrefa' ma' l-għoljiet, xtered mal-widien u nfirex mal-wesgħat tad-dinja Nisranija. Isem ta' ġmiel, ta' sebħ u, ta' glorja.

Iva, aħna mżejnin bil-ġmiel ta' Ismu, imma aħna mżejnin aktar bil-ġmiel tal-preżenza tiegħu fostna.

Preżenti hu San Ġorġ għall-Knisja kollha: Xempju ta' ħajja Nisranija! Xandar tal-valuri Nsara! Gwerrier għall-verita' ta' Sidna Ġesu' Kristu! Rebbieħ fuq l-għedewwa tas-Saltna tiegħu! Kolonna tal-Knisja tiegħu u epifanija tal-ġejjieni tagħha!

Preżenti hu San Ġorġ għal gżiritna: Sa mill-qedem kien ispirazzjoni ta' ħajja Nisranija għal missirijietna, waqaf magħhom fit-tbatija ta' ġrajjiethom, għolla 'l fuq lil ħarsithom skond id-dinjita' li kienet tagħhom u ħeġġiġhom biex mix-xewk tal-preżent jinsġu futur xieraq għalihom u għal uliedhom. Mhux ta' b'xejn li sa mill-qedem l-aktar bikri tal-Knisja f'Għawdex, il-poplu Nisrani ta' din il-gżira ħatar Lilek, San Ġorġ, bħala l-Patrun, id-Difensur u l-Glorja tiegħu.

Iva, aħnà mżejnin b'Isem San Ġorġ! Imżejnin aktar bil-preżenza spiritwali tiegħu. Imma din iż-żina dehret fostna u tfissret b'mod ta' l-għaġeb għalina fil-ġmiel tax-xbieha tiegħu fostna: xbieha li ħarġet mill-Fidi u l-ħila ta' Pietru Pawl Azzopardi iżda li l-grazzja divina kellha l-akbar sehem fit-tiswir tagħha.

Din tiegħek, San Ġorġ, m'hix xbieha ta' l-art li tindirizza biss is-sensibilita' estetika, imma hi xbieha tas-Sema li tmiss ir-ruħ, l-ispirtu, il-qalb, iċ-ċentru l-aktar intimu tal-Fidi u ta' l-Imħabba Kristika tagħna.

Għaddew 'il fuq minn 157 sena minn dak inhar li x-xbieha tiegħek, San Ġorġ, rifset ix-xtut ta' gżiritna u ħakmet il-qlub ta' ġensna.

Għaddew 'il fuq minn 157 sena minn mindu x-xbieha tiegħek daħlet f'din il-belt Ġorġjana f'qalbha u Ġorġjana f'ruħha, Ġorġjana fid-demm li tatna u li aħna minnha writna.

Għaddew 'il fuq minn 157 sena minn dak il-waqt prezzjuż li fih ix-xbieha tiegħek, Ġorġi, imliet lil dan it-tempju ewlieni fl-istorja ta' gżiritna: ewlieni, imma umiljat fid-dinjita' tiegħu; ewlieni, imma miċħud mit-tgawdija ta' l-identita' tiegħu; ewlieni, imma mxekkel fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu. Tempju li mill-fonti tal-Magħmudija tiegħu l-poplu ta' din il-gżira rċieva s-Sagrament tal-Fidi Nisranija. Tempju li, bħal omm ta' ħafna wlied, sawwar il-Komunita' Nisranija tagħna, taha l-ħajja, rawwimha u wassalha għall-maturita' tal-ħajja sħiħa tal-Grazzja sakemm, imbagħad, meta xi wlied ta' din il-familja tfarfru u tbiegħdu minn madwar il-knisja ewlenija tagħhom, setgħu jifformaw il-Komunitajiet Parrokkjali rispettivi tagħhom. Tempju li tneżża' minn ġidu kollu sabiex jiddota 'l uliedu, u sar għeri - imsaħħan biss minn nifsijiet l-imħabba ta' dawk il-parruċċani li għarfu l-imħabba li kienet tixraqlu u sawbuha fuqu.

Donnu li inti wkoll, San Ġorġ, intbaħt bil-miżerja li fiha sabet ruħha din il-knisja dedikata lilek f'din il-belt, fil-qalba tal-gżira Għawdxija.

Donnu li Inti nnifsek, San Ġorġ, ridt tingħadd ma' dawk il-benefatturi ta' dan it-tempju - anzi ridt issir l-ewwel fosthom - li riedu jroddulu d-dinjita' miċħuda lilu u jżejnuh bil-ġmiel li kien jixraqlu.

U x'għamilt int, San Ġorġ, biex lil dan it-tempju żżejnu bil-ġmiel li kien jixraqlu? Iva -x'għamilt? Ġejt Int!

Iva! Ġejt Int. U hekk imlejt bi ġmielek lil din id-dar ta' Alla dedikata sa mill-qedem f'Ismek. Ġejt Int - Biex tnebbaħna permezz tal-miġja tiegħek f'dak Alla tagħna li ma jinsiex lil dawk li huma tiegħu! Biex tqawwina permezz tax-xhieda tar-rebħa tiegħek, fit-tama tar-rebħa aħharija tagħna. Biex tirrivelalna permezz tal-ġmiel tiegħek raġġ splendenti tal-glorja ta' Alla.

Ġmiel li ma għeb qatt minn fostna, hu ġmielek, San Ġorġ!

Ġmiel li ż-żmien ittanta jostru - għax hekk jaf jagħmel iż-żmien - imma li ma rnexxilu qatt jaħbih għalkemm ħalla fuqu s-sinjali qerrieda tiegħu.

Ġmiel li issa, wara x-xogħolijiet ta' restawr li saru, reġa' mill-ġdid xiref u idda fuq ix-xbieha tiegħek fl-isplendur oriġinali tiegħu - bi grazzja għalina u għal uliedna.

Ġmiel li jagħti raġun lil kelmiet is-Salmista: Gloria et honore coronasti eum, Domine! Bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu, Mulej!

Iva, San Ġorġ, ġejt Int, u l-preżenza tiegħek fostna, permezz ta' din ix-xbieha tiegħek kompliet tħalltek ma' ġrajjietna, kompliet twettaq ir-rabta tiegħek magħna, kompliet tikber fina u fostna, u ssoktat tgħolli 'l fuq l-identita' tagħna: identita' li għandha l-oriġini tagħha fil-Fidi Nisranija tagħna, iva, imma li stagħniet sa mill-qedem b'Ismek.

Kemm hu sabieħ dan Ismek, u kemm hu kbir! Isem li ħabbu Alla, l-ewwel, u wara li saffieh bil-Grazzja tiegħu, ma żammux biss għalih, għall-glorja tiegħu, Iżda taħ ukoll lilna biex iżejjinna bih. Isem tal-bierah! Isem tallum! Isem ta' dejjem! Isem tas-Sema li bi ġmielu jsebbaħ ġenna u fl-istess waqt isem ta' l-art li jwennes il-qalb tagħna. Isem li jgħid għeġubijiet. Isem għażiż, kelma li timla' l-qalb, misteru li nifhmuh għax tifhmu mħabbitna... Ismek, San Ġorġ! ■

*Ritratti: Ivan Galea*